**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# FTEHIM

## bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq

(ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Decision No 2/2004 of the Community/Switzerland Inland Transport Committee of 22 June 2004 (*) | L 75 | 60 | 22.3.2005 |
| ►M2 | Deċiżjoni Nru 1/2009 tal- Komunità/l-Iżvizzera dwar it-trasport intern tas-16 ta' Ġunju 2009 | L 273 | 15 | 17.10.2009 |
| ►M3 | Deċiżjoni Nru 1/2010 tal-Komunità/Kumitat tal-Isvizzera dwar it-trasport intern tat-22 ta' Diċembru 2010 | L 19 | 34 | 22.1.2011 |
| ►M4 | Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Komunità/Kumitat tal-Isvizzera dwar it-trasport intern tas-6 ta' Diċembru 2013 | L 352 | 79 | 24.12.2013 |
| ►M5 | Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Komunità/Kumitat tal-Isvizzera dwar it-trasport intern tas-16 ta' Diċembru 2015 | L 23 | 82 | 29.1.2016 |
| ►M6 | Deċiżjoni Nru 2/2016 tal-Kumitat tat-trasport intern Komunità/Żvizzera tal-10 ta' Ġunju 2016 | L 186 | 38 | 9.7.2016 |
| ►M7 | Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kumitat tat-Trasport Intern Komunità/Żvizzera tat-12 ta' Ġunju 2018 | L 166 | 20 | 3.7.2018 |

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 33, 10.2.2016, p. 38 (1/2015)

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

## FTEHIM

### bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq

IL-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Isvizzera", minn naħa waħda,

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità", min-naħa l-oħra,

flimkien minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Partijiet Kontraenti",

KONXJI mill-interess reċiproku tal-Partijiet Kontraenti fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-kummerċ, b'mod partikolari billi jagħtu aċċess lil xulxin għas-suq tat-trasport, kif ipprovdut taħt l-Artikolu 13 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bil-Linji tal-Ferroviji u bit-Triq fit-2 ta' Mejju 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim ta' l-1992,

WAQT LI JIXTIEQU li jiżviluppaw il-politika kordinata tat-trasport immirata biex tinkoraġġixxi l-użu tal-mezzi li jġorru l-passiġġieri u l-merkanzija li huma aktar tajbin ambjentalment bl-iskop li jgħaqqdu l-ħarsien ambjentali ma' l-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport, l-aktar fir-reġjun ta' l-Alpi,

WAQT LI JIXTIEQU li jiżguraw kompetizzjoni b'saħħitha fost il-mezzi varji tat-trasport u billi dawn il-mezzi tat-trasport għandhom ikopru l-ispejjeż li jidħlu fihom,

KONXJI mill-bżonn li jiżguraw konsistenza bejn il-politika Svizzera tat-trasport u l-prinċipji ġenerali taħt il-politika tal-Komunità tat-trasport, b'mod partikolari fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' qafas leġislattiv u regolatorju kordinat,

FTEHMU KIF ĠEJ:

TITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Prinċipji ġenerali u għanijiet

1. Dan il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Isvizzera huma mmirat, minn naħa waħda, biex jilliberalizza l-aċċess mill-Partijiet Kontraenti għas-suq tat-trasport ta' xulxin għat-trasport ta' passiġġieri u merkanzija bit-triq jew bil-ferrovija b'tali mod li jiżgura amministrazzjoni aktar effiċjenti tat-traffiku li jużaw toroq li minn bażi teknika, ġeografika u ekonomika, huma l-aħjar għall-mezzi kollha tat-trasport koperti minn dan il-Ftehim u, min-naħa l-oħra, biex jibni l-bażi għal politika kordinata tat-trasport.

2. Id-disposizzjonijiet tal-Ftehim u l-applikazzjoni tagħhom huma bbażati fuq ir-reċiproċità u l-għażla libera tal-mezz tat-trasport.

3. Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu li ma jieħdux miżuri diskriminatorji meta japplikaw dan il-Ftehim.

▼B

*Artikolu 2*

**Skop**

1. Dan il-Ftehim għandu jgħodd għat-trasport miż-żewġ naħat tal-merkanzija u l-passiġġieri bit-triq bejn il-Partijiet Kontraenti, għal traffiku li jaqsam it-territorju tal-Partijiet, mingħajr preġudizzju għall-Ftehim ta' l-1992 u suġġett għall-Artikolu 7(3), għat-trasport bit-triq tal-passiġġieri u l-merkanzija fuq bażi triangolari u għall-kummerċ lokali Svizzeru.

2. Dan il-Ftehim għandu jgħodd għat-trasport internazzjonali bil-ferrovija tal-passiġġieri u l-merkanzija u għat-trasport internazzjonali konġunt. M'għandux japplika għal impriżi tal-linji tal-ferrovija li l-attivitajiet tagħhom huma limitati biss għal operazzjonijiet ta' l-ibliet, madwar l-ibliet, jew reġjonali.

3. Dan il-Ftehim għandu jgħodd għall-operazzjonijiet tat-trasport li jitwettqu mill-impriżi tat-trasport bit-triq jew minn impriżi tal-linji tal-ferrovija stabbiliti f'waħda mill-Partijiet Kontraenti.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

1. Trasport Bit-Triq

Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim:

— "l-impieg ta' operatur tal-ġarr bit-triq" ifisser l-attività ta' kull impriża li ġġorr il-merkanzija għall-kiri jew rigal jew permezz ta' vettura bil-mutur jew tagħqid ta' vetturi,

— "l-impieg ta' operatur tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq" ifisser l-attività ta' kull impriża li taħdem, għall-kiri jew rigal, fit-trasport internazzjonali tal-passiġġieri permezz ta' *coach* jew karozza tal-linja,

— "impriża" tfisser kull persuna naturali, kull persuna legali, kemm jekk taħdem bi qligħ jew le, kull assoċjazzjoni jew grupp ta' persuni mingħajr personalità legali, kemm jekk bil-qligħ jew le, jew kull korp uffiċjali, kemm jekk għandu l-personalità legali tiegħu jew huwa dipendenti fuq awtorità li għandha t-tali personalità,

— "vettura" tfisser vettura bil-mutur irreġistrata fit-territorju tal-Parti Kontraenti jew tagħqid ta' vetturi li l-*unit* li jinġarr tagħhom huwa rreġistrat fit-territorju ta' Parti Kontraenti u maħsub esklussivament għat-trasport tal-merkanzija, jew kull vetturi bil-magna magħmula hekk u armata biex tkun tajba biex iġġorr aktar minn disa' persuni, inkluż ix-xufier, u maħsuba għal dak l-iskop,

— "trasport internazzjonali" ifisser vjaġġ imwettaq minn vettura, li l-punt tat-tluq tagħha qiegħed f'territorju ta' Parti Kontraenti waħda u d-destinazzjoni tiegħu qegħda fuq it-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra jew f'pajjiż terz, jew viċe versa, u l-moviment ta' vettura mhux mgħobbija dwar il-vjaġġ imsemmi qabel; jekk il-punt tat-tluq jew id-destinazzjoni tal-vjaġġ qiegħed f'pajjiż terz, it-trasport irid isir mill-vettura rreġistrata fil-Parti Kontraenti fejn qiegħed il-punt tat-tluq jew id-destinazzjoni tal-vjaġġ,

▼B

— “transitu” ifisser it-trasport tal-merkanzija jew passiġġieri (mingħajr tgħabbija jew ħatt) u l-moviment ta' vetturi mhux mgħobbija tul it-territorju ta' Parti Kontraenti,

— “kummerċ lokali Svizzeru” ifisser kull trasport ta' merkanzija għall-kiri jew rigal minn Stat Membru wieħed tal-Komunità lejn Stat Membru ieħor minn vettura rreġistrata fl-Isvizzera, kemm jekk, matul l-istess vjaġġ u bl-użu tar-rotta normali, il-vettura tgħaddi mill-Isvizzera, jew le,

— “operazzjonijiet ta' trasport triangolari li jinvolvu pajjiżi terzi” ifissru kull trasport ta' passiġġieri jew merkanzija minn territorju ta' Parti Kontraenti waħda għal pajjiż terz, u viċe versa, minn vettura rreġistrata fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, kemm jekk, matul l-istess vjaġġ u bl-użu ta' l-istess rotta, il-vettura tgħaddi mill-pajjiż li hija rreġistrata fih, jew le,

— “awtorizzazzjoni” tfisser, l-awtorizzazzjoni, il-liċenza jew il-konċessjoni meħtieġa taħt il-leġislazzjoni tal-Parti Kontraenti.

2. Trasport Bil-Linji Tal-Ferrovija

Għall-Iskopijiet Ta' Dan Il-Ftehim:

— “impriża tal-linji tal-ferroviji” tfisser kull impriża privata jew pubblika li l-kummerċ ewlieni tagħha huwa li tipprovdi servizzi tat-trasport bil-linji tal-ferrovija għal merkanzija u/jew passiġġieri bil-ħtieġa li l-impriża għandha tiżgura l-ġarr bil-ġbid; it-tali ġbid jista' jkun ipprovdut bl-użu ta' ħażna li ddur li m'hijiex il-proprjetà ta' l-impriża kkonċernata tal-linji tal-ferroviji u li tuża persunal li mhux impjegat direttament mill-impriża kkonċernata tal-linji tal-ferroviji,

— “gruppi internazzjonali” ifissru kull assoċjazzjoni ta' mill-anqas żewġ impriżi tal-linji tal-ferroviji stabbiliti fi Stati Membri differenti tal-Komunità, jew, fil-każ ta' waħda minnhom, fl-Isvizzera, bl-iskop li tipprovdi servizzi ta' trasport internazzjonali bejn il-Komunità u l-Isvizzera,

— “amministratur ta' l-infrastruttura” ifisser kull korp jew impriża pubblika responsabbli b'mod partikolari biex tistabbilixxi u żżomm l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji, kif ukoll biex topera s-sistemi ta' kontroll u sigurtà,

— “liċenza” tfisser awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' Parti Kontraenti, li biha hija rikonoxxuta l-kapaċità tagħha bħala impriża tal-linji tal-ferroviji. Din il-kapaċità tista' tkun limitata għall-operazzjoni ta' tipi speċifiċi tas-servizzi tat-trasport,

— “awtorità tal-liċenzar” tfisser il-korp inkarigat minn kull Parti Kontraenti bil-ħruġ tal-liċenzi,

— “triq tal-ferrovija” tfisser il-kapaċità ta' l-infrastruttura meħtieġa biex ferrovija tivvjaġġa bejn żewġ postijiet f'mument partikolari,

— “allokazzjoni” tfisser l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-linji tal-ferroviji minn korp ta' l-allokazzjoni,

▼B

— "korp ta' l-allokazzjoni" tfisser l-awtorità u/jew l-amministratur ta' l-infrastruttura nnominat minn waħda mill-Partijiet Kontraenti għall-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura,

— "servizzi fl-ibliet u madwar l-ibliet" ifissru s-servizzi tat-trasport imħaddma f'ċentru ta' l-ibliet u konurbazzjoni, kif ukoll il-ħtiġiet bejn it-tali ċentru jew konurbazzjoni u ż-żoni ta' madwaru,

— "servizzi reġjonali" ifissru s-servizzi tat-trasport imħaddma biex jaqdu l-bżonnijiet tat-trasport ta' reġjun,

— "trasport magħqud" ifisser it-trasport tal-merkanzija minn vetturi li jġorru merkanzija tqila jew *unit*s tat-tagħbija li jagħmlu parti mill-vjaġġ tagħhom bil-linji tal-ferroviji kif ukoll jibdew u/jew jispiċċaw il-vjaġġ bit-triq,

— "prezzijiet kompetittivi tat-trasport tal-linji tal-ferroviji": prezzijiet tat-trasport bil-linji tal-ferroviji li jitqiesu kompetittivi jekk il-prezzijiet medji tat-trasport bil-linji tal-ferroviji fl-Isvizzera m'humiex ogħla mill-ispejjeż tat-trasport bit-triq, kif definit fAnness 9, għal rotta simili.

*Artikolu 4*

**Riservi taħt il-Ftehim ta' l-1992**

Bla ħsara għad-deroga introdotta taħt dan il-Ftehim, id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti li joħorġu mill-Ftehim ta' l-1992 ma jkunux affettwati mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

TITOLU II

**TRASPORT INTERNAZZJONALI BIT-TRIQ**

A. DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

*Artikolu 5*

**Dħul fl-okkupazzjoni**

1. Impriżi li jixtiequ joperaw bħala burdnara professjonali tat-toroq għandhom iħarsu t-tliet ħtiġiet li ġejjin:

(a) reputazzjoni tajba;

(b) saħħa finanzjarja xierqa;

(ċ) kompetenza professjonali.

2. Id-disposizzjonijiet applikabbli f'dan il-qasam huma ppreżentati fit-taqsima 1 ta' Anness 1.

*Artikolu 6*

**Livelli soċjali**

Id-disposizzjonijiet soċjali applikabbli f'dan il-qasam huma ppreżentati fit-taqsima 2 ta' Anness 1.

▼B

*Artikolu 7*

**Livelli tekniċi**

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3, l-Isvizzera għandha tadotta, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-firma ta' dan il-Ftehim, arranġamenti li huma ekwivalenti għal-leġislazzjoni tal-Komunità dwar il-kondizzjonijiet tekniċi li jirregolaw it-trasport bit-triq, kif ippreżentati fit-taqsima 3 ta' Anness 1.

2. L-Isvizzera għandha jkollha perjodu transitorju ta' sentejn, mid-data ta' meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, biex tagħmel il-leġislazzjoni tagħha dwar il-kontrolli tekniċi fuq il-vetturi ekwivalenti għal-liġi tal-Komunità.

3. Mill-1 ta' Jannar 2001, il-limitu attwali totali bit-tagħbija applikat mill-Isvizzera għal vetturi artikolati u ferroviji tat-triq għandu jkun ta' 34 tunnellata metrika għat-tipi kollha tat-traffiku.

Mill-1 ta' Jannar 2005, l-Isvizzera għandha tagħmel il-leġislazzjoni tagħha dwar l-ogħla limiti permessi ta' toqol għal dawn il-vetturi fi traffiku internazzjonali ekwivalenti għal dik fis-seħħ fil-Komunità fid-data tal-firma tal-Ftehim.

4. L-introduzzjoni tal-piżijiet imħallsa għall-użu tat-triq definiti fl-Artikolu 40 għandhom ikomplu parallelli maż-żieda gradwali fil-limitu tat-toqol kif ipprovdut fil-paragrafu 3.

5. Kull Parti Kontraenti tintrabat li ma tapplikax għall-vetturi approvati fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra kondizzjonijiet li huma aktar ristrettivi minn dawk fis-seħħ fit-territorju tagħha stess.

*Artikolu 8*

**Arranġamenti transitorji li jirregolaw it-toqol tal-vetturi**

1. Bil-ħsieb ta' introduzzjoni gradwali ta' l-arranġamenti definittivi definiti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 7(3), it-trasport ta' merkanzija permezz ta' vettura li t-toqol attwali tagħha mgħobbija huwa aktar minn 28 t (qabel il-31 ta' Diċembru 2000) jew 34 t (bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2004) iżda ma jaqbiżx l-40 t, mill-punt tat-tluq fil-Komunità lejn destinazzjoni lil hinn miż-żona Svizzera viċin il-fruntiera, kif definit fAnness 6, (u viċe versa) jew fi transitu tul l-Isvizzera jkun suġġett għal kwota bbażata fuq il-pagament ta' piż supplimentari dwar l-użu ta' l-infrastruttura, skond il-proċeduri ppreżentati fil-paragrafi 2, 3 u 4. Fil-każ tal-vetturi rreġistrati fl-Isvizzera, din il-kwota tista' tintuża wkoll għall-operazzjonijiet tat-trasport ġewwa l-Isvizzera.

2. Il-Komunità għandha tirċievi kwota ta' 250 000 awtorizzazzjoni għas-sena 2000. L-Isvizzera għandha tirċievi kwota ta' 250 000 awtorizzazzjoni għas-sena 2000. Fil-każ li l-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000, in-numru ta' awtorizzazzjonijiet għas-sena 2000 għandu jitnaqqas fuq bażi *pro rata*.

3. Il-Komunità għandha tirċievi kwota ta' 300 000 awtorizzazzjoni għas-sena 2001 u għas-sena 2002. L-Isvizzera għandha tirċievi kwota ta' 300 000 awtorizzazzjoni għas-sena 2001 u għas-sena 2002.

4. Il-Komunità għandha tirċievi kwota ta' 400 000 awtorizzazzjoni għas-sena 2003 u għas-sena 2004. L-Isvizzera għandha tirċievi kwota ta' 400 000 awtorizzazzjoni għas-sena 2003 u għas-sena 2004.

▼B

5. L-użu ta' l-awtorizzazzjonijiet ipprovduti fil-paragrafi 2, 3, u 4 għandu jkun suġġett, fil-każ ta' kull operatur, kemm jekk Svizzeru jew tal-Komunità, għal pagament ta' miżata għall-użu ta' l-infrastruttura Svizzera, maħduma u imposta skond il-proċeduri stabbiliti fAnness 2.

6. B'effett mill-1 ta' Jannar 2005, il-vetturi skond il-livelli tekniċi stabbiliti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 7(3) ikunu eżentati, taħt l-Artikolu 32, minn kull kwota jew arranġament ta' awtorizzazzjoni.

B. TRASPORT INTERNAZZJONALI TA' MERKANZIJA BIT-TRIQ

*Artikolu 9*

**Trasport ta' merkanzija bejn it-territorji tal-Partijiet Kontraenti**

1. It-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq għall-kiri jew rigal, kif ukoll vjaġġi mhux mgħobbija bejn it-territorji tal-Partijiet Kontraenti għandu jsir taħt l-awtorizzazzjoni tal-Komunità għat-trasportaturi tal-Komunità, ippreżentata fir-Regolament (KEE) Nru 881/92 u li mudell tagħha jingħata fAnness 3, u taħt awtorizzazzjoni simili Svizzera għat-trasportaturi Svizzeri.

2. Fil-każ ta' l-operazzjonijiet tat-trasport li jaqgħu taħt l-iskop ta' dan il-Ftehim, dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jieħdu post l-awtorizzazzjonijiet bilaterali li jitpartu bejn l-Istati Membri tal-Komunità u l-Isvizzera li kienu meħtieġa sad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. L-operazzjonijiet tat-trasport riferuti fAnness 4 għandhom ikunu eżenti minn kull awtorizzazzjoni tat-trasport u minn kull sistema ta' liċenzi.

4. Il-proċeduri li jirregolaw il-ħruġ, it-tiġdid, u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet u l-proċeduri li jirregolaw l-assistenza bejn xulxin ikunu koperti mid-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 881/92 għat-trasportaturi tal-Komunità u mid-disposizzjonijiet ekwivalenti Svizzeri.

*Artikolu 10*

**Trasport ta' merkanzija fi transitu tul it-territorju tal-Partijiet Kontraenti**

1. It-trasport internazzjonali ta' merkanzija għall-kiri jew rigal kif ukoll il-movimenti ta' vetturi vojta fi transitu tul it-territorju tal-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu derogati. Dawn l-operazzjonijiet tat-trasport għandhom jitwettqu taħt il-liċenzi riferuti fl-Artikolu 9.

2. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' l-Artikolu 9 għandhom jgħoddu.

*Artikolu 11*

**Transitu tul l-Awstrija**

Sistema ta' ecopoints ekwivalenti għal dawk ipprovduti taħt l-Artikolu 11 tal-Protokoll 9 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija ma' l-Unjoni Ewropea għandhom jgħoddu għall-operaturi Svizzeri fi transitu tul it-territorju ta' l-Awstrija fil-limiti tal-validità ta' dan il-Protokoll. Il-metodu ta' kalkolu u r-regoli u l-proċeduri ddettaljati għall-amministrazzjoni u l-kontroll ta' l-ecopoints għandhom ikunu definiti taħt arranġament amministrattiv li għandu jkun stabbilit bil-ftehim konġunt bejn il-Partijiet Kontraenti mat-tmiem ta' dan il-Ftehim u għandhom ikunu konformi *mutatis mutandis* mad-disposizzjonijiet tal-Protokoll 9 imsemmi qabel.

▼B

*Artikolu 12*

**Kummerċ lokali Svizzeru**

1. Mill-2001, il-kummerċ lokali Svizzeru jkun permess suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

— it-tali operazzjonijiet tat-trasport jitwettqu bl-awtorizzazzjoni Svizzera riferuta fl-Artikolu 9(1),

— huma jkunu ristretti għal operazzjoni waħda tat-trasport, fuq ir-rotta lura, u jkomplu wara t-trasport tal-merkanzija bejn l-Isvizzera u Stat Membru tal-Komunità.

2. Sa dik id-data, madankollu, tkompli tkun permessa l-eserċizzju tad-drittijiet eżistenti taħt il-ftehim bilaterali fis-seħħ. Dawn id-drittijiet huma mniżżla fAnness 5 ta' dan il-Ftehim.

3. Mill-2005, il-kummerċ lokali Svizzeru jkun kompletament derogat. L-operazzjonijiet tat-trasport jitwettqu bil-liċenza Svizzera riferuta fl-Artikolu 9(1),

*Artikolu 13*

**Operazzjonijiet triangolari tat-trasport li jinvolvu pajjiżi terzi**

1. L-arranġamenti li jirregolaw it-trasport triangolari li jinvolvi pajjiżi terzi għandhom ikunu stabbiliti bil-ftehim konġunt mal-konklużjoni tal-ftehim meħtieġ bejn, minn naħa waħda, il-Komunità u l-pajjiżi terzi kkonċernati u, min-naħa l-oħra, l-Isvizzera u l-pajjiżi terzi kkonċernati. L-iskop ta' dawn l-arranġamenti huwa li jiżguraw ir-reċiproċità ta' trattament bejn il-Komunità u l-operaturi Svizzeri dwar it-trasport triangolari.

2. Sal-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi kkonċernati, dan il-Ftehim ma jaffettwax id-disposizzjonijiet dwar it-trasport triangolari kif ippreżentati fil-ftehim bilaterali konkluż bejn l-Istati Membri tal-Komunità u l-Isvizzera dwar it-trasport li jinvolvi pajjiżi terzi. Dawn id-drittijiet huma mniżżla fAnness 5 ta' dan il-Ftehim.

3. Wara d-definizzjoni ta' l-arranġamenti riferuti fil-paragrafu 1, l-Isvizzera għandha, sa fejn hemm bżonn, tikkonkludi jew tadatta l-ftehim bilaterali ma' dawn il-pajjiżi terzi.

*Artikolu 14*

**Trasport bejn żewġ posizzjonijiet li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunità jew bejn żewġ posizzjonijiet li jinsabu fit-territorju Svizzeru**

It-trasport bejn żewġ posizzjonijiet li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunità b'vettura rreġistrata fl-Isvizzera u t-trasport bejn żewġ posizzjonijiet li jinsabu fit-territorju Svizzeru minn vettura rreġistrata fi Stat Membru tal-Komunità m'humiex awtorizzati taħt dan il-Ftehim.

▼B

*Artikolu 15*

**Projbizzjoni fuq sewqan bil-lejl u sewqan nhar ta' Ħadd u eżenzjonijiet mil-limitu tat-toqol**

1. Il-projbizzjoni fuq is-sewqan bil-lejl fit-territorju Svizzeru għandha tgħodd biss bejn l-22.00 u l-05.00.

2. L-eżenzjonijiet mil-limitu tat-toqol u mill-projbizzjoni tas-sewqan bil-lejl u nhar ta' Ħadd huma ppreżentati fAnness 6.

3. L-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tas-sewqan bil-lejl jingħataw b'mod mhux diskriminatorju u jistgħu jinkisbu minn uffiċċju wieħed. Jingħataw kontra l-pagament ta' miżata biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi.

*Artikolu 16*

**Tneħħija ta' ċerti eżenzjonijiet mil-limitu tat-toqol**

Id-disposizzjonijiet ta' Anness 6 (II)(3) u (4) tal-Ftehim ta' l-1992 m'għandhomx japplikaw aktar mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

Ċ. TRASPORT INTERNAZZJONALI TAL-PASSIĠĠIERI BIL-*COACH* U BIL-KAROZZI TAL-LINJA

*Artikolu 17*

**Kondizzjonijiet applikabbli għat-trasportaturi**

1. It-trasportaturi li joperaw għall-kiri jew rigal jitħallew iwettqu s-servizzi tat-trasport definiti fl-Artikolu 1 ta' Anness 7, mingħajr diskriminazzjoni lejn iċ-ċittadinanza jew il-post ta' l-istabbiliment, sakemm dawk it-trasportaturi:

— huma awtorizzati fl-Istat Membru tal-Komunità fejn huma stabbiliti jew fl-Isvizzera biex iwettqu t-trasport bil-*coach* jew bil-karozzi tal-linja fil-forma ta' servizzi regolari, inklużi s-servizzi regolari speċjali, jew is-servizzi okkażjonali,

— iħarsu l-ħtiġiet legali dwar is-siġurtà fit-toroq sa fejn il-livelli għax-xufiera u l-vetturi huma kkonċernati.

2. It-trasportaturi li jaħdmu għal rashom jitħallew iwettqu s-servizzi tat-trasport definiti fl-Artikolu 1(3) ta' Anness 7, mingħajr diskriminazzjoni lejn iċ-ċittadinanza jew il-post ta' l-istabbiliment, sakemm dawk it-trasportaturi:

— huma awtorizzati fl-Istat Membru tal-Komunità fejn huma stabbiliti jew fl-Isvizzera biex iwettqu t-trasport bil-*coach* jew bil-karozzi tal-linja skond il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għas-suq imniżżla mil-leġislazzjoni nazzjonali,

— iħarsu l-ħtiġiet legali dwar is-siġurtà fit-toroq sa fejn il-livelli għax-xufiera u l-vetturi huma kkonċernati.

▼B

3. It-trasportaturi li jħarsu l-kondizzjonijiet ippreżentati fil-paragrafu 1 jistgħu jwettqu operazzjonijiet internazzjonali ta' trasport tal-passiġġieri bil-*coach* u bil-karozzi tal-linja sakemm, fil-każ tat-trasportaturi tal-Komunità, għandhom liċenza tal-Komunità jew, fil-każ tat-trasportaturi Svizzera, għandhom liċenza simili Svizzera.

Il-mudell għat-tali liċenzi u l-proċeduri biex jinkisbu, l-użu u t-tiġdid tagħhom ikun kif imniżżel fir-Regolament (KEE) Nru 684/92, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 11/98, għat-trasportaturi tal-Komunità u l-leġislazzjoni ekwivalenti Svizzera.

*Artikolu 18*

**Aċċess għas-suq**

1. Servizzi okkażjonali kif riferut fl-Artikolu 1(2.1) ta' Anness 7 ma jeħtiġux awtorizzazzjoni.

2. Is-servizzi regolari speċjali, kif definiti fl-Artikolu 1(1.2) ta' Anness 7 ma jkunux jeħtieġu awtorizzazzjoni, jekk huma koperti, fit-territorju tal-Komunità, b'kuntratt konkluż bejn l-organizzatur u t-trasportatur.

3. Vjaġġi bla tagħbija mill-vetturi dwar l-operazzjonijiet tat-trasport riferuti fil-paragrafi 1 u 2 l-istess ma jkunux jeħtieġu awtorizzazzjoni.

4. Skond l-Artikoli 2 *et seq.* ta' Anness 7, awtorizzazzjoni hija meħtieġa għal servizzi regolari.

5. Skond l-Artikoli 2 *et seq.* ta' Anness 7, awtorizzazzjoni tkun meħtieġa għal servizzi regolari soċjali, li mhux koperti, fit-territorju tal-Komunità, b'kuntratt konkluż bejn l-organizzatur u t-trasportatur.

Fl-Isvizzera, it-tali servizzi ma jkunux jeħtieġu awtorizzazzjoni.

6. L-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq li jaħdmu għal rashom definiti fl-Artikolu 1(3), ta' Anness 7 ma jkunux jeħtieġu awtorizzazzjoni iżda jkunu suġġetti, fit-territorju tal-Komunità, għal sistema ta' ċertifikati.

*Artikolu 19*

**Operazzjonijiet triangolari tat-trasport li jinvolvu pajjiżi terzi**

1. L-arranġamenti li jirregolaw it-trasport triangolari li jinvolvi pajjiżi terzi għandhom ikunu stabbiliti bil-ftehim konġunt mal-konklużjoni tal-ftehim meħtieġ bejn, minn naħa waħda, il-Komunità u l-pajjiżi terzi kkonċernati u, min-naħa l-oħra, l-Isvizzera u l-pajjiżi terzi kkonċernati. L-iskop ta' dawn l-arranġamenti huwa li jiżguraw ir-reċiproċità ta' trattament bejn il-Komunità u l-operaturi Svizzeri dwar it-trasport triangolari.

2. Sal-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi kkonċernati, dan il-Ftehim ma jaffettwax id-disposizzjonijiet dwar it-trasport riferuti fil-paragrafu 1 kif ippreżentati fil-ftehim bilaterali konkluż bejn l-Istati Membri tal-Komunità u l-Isvizzera dwar it-trasport li jinvolvi pajjiżi terzi. Dawn id-drittijiet huma mniżżla fAnness 8 ta' dan il-Ftehim.

▼B

3. Wara d-definizzjoni ta' l-arranġamenti riferuti fil-paragrafu 1, l-Isvizzera għandha, sa fejn hemm bżonn, tikkonkludi jew tadatta l-ftehim bilaterali ma' dawn il-pajjiżi terzi.

*Artikolu 20*

**Trasport bejn żewġ posizzjonijiet li jinsabu fit-territorju ta' l-istess Parti Kontraenti**

1. It-trasport bejn żewġ posizzjonijiet li jinsabu fit-territorju ta' l-istess Parti Kontraenti bit-trasportaturi stabbiliti fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra mhux awtorizzar taħt dan il-Ftehim.

2. Madankollu, ikompli jkun permess li d-drittijiet eżistenti jkunu eżerċitati taħt il-ftehim bilaterali konkluż bejn l-Istati Membri tal-Komunità u l-Isvizzera li hemm fis-seħħ, sakemm m'hemmx diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi tal-Komunità u m'hemmx distorsjoni tal-kompetizzjoni. Dawn id-drittijiet huma mniżżla fAnness 8 ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 21*

**Proċeduri**

Il-proċeduri li jirregolaw il-ħruġ, l-użu, it-tiġdid, u t-tmiem ta' l-awtorizzazzjonijiet u l-proċeduri li jirregolaw l-assistenza bejn xulxin ikunu koperti mid-disposizzjonijiet ta' Anness 7 ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 22*

**Disposizzjoni transitorja**

L-awtorizzazzjonijiet dwar is-servizzi li jeżistu fil-ħin tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandhom jibqgħu validi sakemm jiskadu, sal-punt li s-servizzi kkonċernati jkomplu jkunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni.

TITOLU III

**TRASPORT INTERNAZZJONALI TAL-LINJI TAL-FERROVIJI**

*Artikolu 23*

**Indipendenza ta' l-amministrazzjoni**

Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu:

— li jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-amministrazzjoni ta' l-impriżi tal-linji tal-ferroviji, prinċipalment billi jagħtuhom statut indipendenti, b'hekk jagħtuhom il-kapaċità li jadattaw l-attivitajiet tagħhom għas-suq u jamministraw l-affarijiet tagħhom taħt ir-responsabbiltà tal-korpi tagħhom tar-regolazzjoni,

— li jifirdu l-amministrazzjoni ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji mill-provvediment tas-servizzi tat-trasport tal-linji tal-ferroviji, mill-anqas fuq livell ta' żamma tal-kotba; għajnuna mħallsa lil waħda minn dawn iż-żewġ oqsma ta' attività ma tistax tkun ittrasferita għall-oħra.

▼B

*Artikolu 24*

**Aċċess u drittijiet ta' transitu dwar l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji**

1. L-impriżi tal-linji tal-ferroviji u l-gruppi internazzjonali jkollhom l-aċċess u/jew id-drittijiet ta' transitu definiti fil-leġislazzjoni tal-Komunità riferuta fAnness 1, taqsima 4.

2. L-impriżi tal-linji tal-ferroviji stabbiliti fit-territorju ta' Parti Kontraenti waħda għandhom jingħataw id-dritt ta' l-aċċess għall-infrastruttura fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra bil-għan li joperaw is-servizzi konġunti internazzjonali tat-trasport.

3. L-impriżi tal-linji tal-ferroviji u l-gruppi internazzjonali li jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom ta' l-aċċess jew ta' transitu għandhom jikkonkludu il-ftehim amministrattiv, tekniku u finanzjarju meħtieġ ma' l-amministraturi ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji wżati bil-għan li jkunu rregolati l-kontroll tat-traffiku u l-kwistjonijiet tas-sigurtà dwar is-servizzi internazzjonali tat-trasport riferuti fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 25*

**Liċenzi tal-linji tal-ferroviji**

1. L-għoti ta' liċenza xierqa għat-tip tas-servizz ikkonċernat ta' linji tal-ferroviji għandu jkun kondizzjoni ta' qabel għal kull talba għall-aċċess jew transitu li tinvolvi l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji, u għal-hekk, id-dritt biex ikunu pprovduti s-servizzi tat-trasport. Madankollu, it-tali liċenza minnha nnifisha ma tagħtix id-dritt ta' l-aċċess għall-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji.

2. Impriża tal-linji tal-ferroviji għandha tkun intitolata biex tapplika għal-liċenza fl-Isvizzera jew fl-Istati Membri tal-Komunità li hija stabbilita fihom. Il-Partijiet Kontraenti m'għandhomx joħorġu liċenzi jew jestendu l-validità tagħhom meta l-ħtiġiet ta' dan il-Ftehim ma tħarsux.

3. Taħt ir-responsabbiltà tal-Partijiet Kontraenti, il-liċenzi għandhom jinħarġu mill-awtorità responsabbli mil-liċenzi speċjalment innominati għall-impriżi eżistenti u ġodda.

4. Il-liċenzi għandhom ikunu rikonoxxuti fil-Komunità jew fl-Isvizzera fuq bażi reċiproka.

5. Għandhom ikunu suġġetti għall-ħtiġiet stabbiliti mill-Partijiet Kontraenti dwar reputazzjoni tajba, saħħa finanzjarja, kompetenza professjonali u kopertura minn obbligi ċivili matul il-perjodu sħiħ tal-validità tagħhom. Id-disposizzjonijiet applikabbli f'dan il-qasam huma ppreżentati fit-Taqsima 4 ta' Anness 1.

6. Liċenza għandha tkun valida sakemm l-impriża tal-linji tal-ferroviji taqdi l-obbligi tagħha taħt id-disposizzjonijiet fuq imsemmija. Madankollu, l-awtorità responsabbli tista' teħtieġ li l-liċenzi jkunu riveduti f'intervalli regolari.

7. Il-proċeduri għall-kontroll, emendi, sospensjoni jew irtirar ta' liċenza jkunu rregolati mid-disposizzjonijiet legali fuq imsemmija.

▼B

*Artikolu 26*

**Ħruġ ta' ċertifikat tas-sigurtà**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom ukoll jeħtieġu li l-impriżi tal-linji tal-ferroviji jibagħtu ċertifikat li jistabbilixxi l-ħtiġiet tas-sigurtà imposti fuqhom bil-għan li jiżguraw servizz ħieles mir-rikju fuq ir-rotot kkonċernati.

2. Impriża tal-linji tal-ferroviji tista' tapplika għal ċertifikat tas-sigurtà għand korp innominat mill-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha tinsab l-infrastruttura wżata mill-korp tal-linji tal-ferroviji.

3. Biex tikseb ċertifikat tas-sigurtà, l-impriża tal-linji tal-ferroviji trid timxi mal-liġi Svizzera dwar dik il-parti tar-rotta li tinsab fl-Isvizzera u mal-liġi tal-Komunità dwar dik il-parti tar-rotta li tinsab fit-territorju tal-Komunità.

*Artikolu 27*

**Allokazzjoni tat-toroq tal-ferroviji**

1. Kull Parti Kontraenti għandha tinnomina l-korp responsabbli biex talloka l-kapaċità, kemm jekk ikun awtorità speċifika jew l-amministratur ta' l-infrastruttura. B'mod partikolari, il-bord ta' l-allokazzjoni, li jkun avżat bit-triqat disponibbli kollha tal-ferrovija, għandu jiżgura li:

— il-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji tkun allokata fuq bażi ġusta u mhux diskriminatorja u li,

— bla ħsara għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, il-proċedura ta' l-allokazzjoni tippermetti użu effettiv ottimali ta' l-infrastruttura.

2. Impriża tal-linji tal-ferroviji jew gruppi internazzjonali li japplikaw għal triq waħda jew aktar tal-ferroviji għandhom jitfgħu l-applikazzjoni tagħhom lill-korp jew korpi ta' l-allokazzjoni tal-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha jinsab il-punt tat-tluq tas-servizz ikkonċernat. Il-korp ta' l-allokazzjoni li għandu saret applikazzjoni għall-kapaċità ta' l-infrastruttura għandu minnufih javża l-kontroparti ta' din it-talba. Dan ta' l-aħħar għandu jieħu deċiżjoni mhux aktar tard minn xahar wara li jirċievi t-tagħrif meħtieġ; kull korp ta' l-allokazzjoni għandu jkollu d-dritt li jirrifjuta applikazzjoni. Il-korp ta' l-allokazzjoni li għandu saret applikazzjoni għandu, flimkien mal-kontroparti tiegħu, jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara li jintbagħat it-tagħrif kollu meħtieġ. Il-proċeduri li jieħdu ħsieb l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-kapaċità ta' l-infrastruttura huma rregolati mid-disposizzjonijiet ippreżentati fit-Taqsima 4 ta' Anness 1.

3. Il-Komunità u l-Isvizzera jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li prijorità tingħata lis-servizzi tal-linji tal-ferroviji li ġejjin fl-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji:

(a) is-servizzi pprovduti fl-interess pubbliku;

(b) is-servizzi operati kompletament jew parzjalment fuq infrastruttura mibnija jew żviluppata għal dawn is-servizzi (per eżempju linji tal-ġarr speċjali ta' veloċità qawwija u speċjalizzati).

▼B

4. Il-Komunità u l-Isvizzera jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-korp ta' l-allokazzjoni biex jagħti drittijiet speċjali dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura fuq bażi mhux diskriminatorja lill-impriżi tal-linji tal-ferroviji li joperaw ċerti tipi ta' servizzi jew jipprovdu t-tali servizzi f'ċerti żoni jekk it-tali drittijiet huma indispensabbli biex jiżguraw servizzi pubbliċi adegwati jew użu effiċjenti tal-kapaċità ta' l-infratruttura jew li jippermettu li jkunu ffinanzjati infrastrutturi ġodda.

5. Il-Partijiet Kontraenti jitgħu jipprovdu għall-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-aċċess ta' l-infrastruttura jkunu akkumpanjati minn depożitu jew sigurtà simili.

6. Il-Komunità u l-Isvizzera għandhom iħejju u jippubblikaw il-proċeduri biex jallokaw il-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija. Għandhom javżaw b'dan lill-Kumitat Konġunt imwaqqaf taħt l-Artikolu 51 ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 28*

**Kontijiet u miżati ta' l-utent**

1. Il-kontijiet ta' l-amministratur ta' l-infrastruttura jridu mill-anqas jibbilanċjaw meta kkunsidrati tul perjodu raġonevoli ta' żmien bejn, minn naħa waħda d-dħul li qed jakkumula minn dawn il-miżati u minn kontribuzzjonijiet possibbli mill-Istat u, min-naħa l-oħra, l-ispejjeż ta' l-infrastruttura.

2. L-amministratur ta' l-infrastruttura għandu japplika miżata għall-utenti ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji, li jkun responsabbli biex jamministraha, li għandha titħallas mill-impriżi tal-linji tal-ferroviji jew il-gruppi internazzjonali li jużaw din l-infrastruttura.

3. Il-miżati ta' l-utenti ta' l-infrastruttura jkunu stabbiliti l-aktar fuq il-bażi tat-tip ta' servizz, il-perjodu tas-servizz, l-istat tas-suq u n-natura u l-livell tat-tqagħbir ordinarju fuq l-infrastruttura.

4. Il-miżati għandhom jitħallsu lill-amministratur(i) ta' l-infrastruttura.

5. Kull Parti Kontraenti għandha tistabbilixxi l-proċeduri biex ikunu stabbiliti l-miżati, wara konsultazzjonijiet ma' l-amministratur ta' l-infrastruttura. Il-miżati imposti fuq servizzi ta' natura ekwivalenti fl-istess suq għandhom japplikaw mingħajr diskriminazzjoni.

6. L-amministratur ta' l-infrastruttura għandu, fi żmien xieraq, javża l-impriżi tal-linji tal-ferroviji jew gruppi internazzjonali li jużaw l-infrastruttura tiegħu sabiex jipprovdu s-servizzi riferuti fl-Artikolu 24 bil-bidliet ewlenin kollha fil-kwalità jew il-kapaċità ta' l-infrastruttura kkonċernata.

*Artikolu 29*

**Appelli**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet li ma' l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura jew mal-ġbir tal-miżati huma suġġetti għall-appell quddiem korp indipendenti. Dan il-korp għandu jagħti l-ġudizzju tiegħu fi żmien xahrejn minn meta jirċievi t-tagħrif kollu meħtieġ.

▼B

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet li jittieħdu skond il-paragrafu 1 u ma' l-Artikolu 25(3) huma suġġetti għal reviżjoni ġudizzjarja.

TITOLU IV

**POLITIKA KKORDINATA TAT-TRASPORT**

A. DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 30*

**Għanijiet**

1. Il-Partijiet Kontraenti qablu li jiżviluppaw, kif u meta meħtieġ, politika kkordinata tat-trasport li tkopri l-passiġġieri u l-merkanzija. L-għan ta' din il-politika huwa li jgħaqqad l-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport mat-tħaris ta' l-ambjent sabiex tkun żgurata mobilità sostenibbli.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu kull sforz biex joħolqu kondizzjonijiet komparabbli b'mod wiesgħa tat-trasport, inklużi arranġamenti tat-taxxi, fit-territorji rispettivi tagħhom, b'mod partikolari bil-ħsieb li jevitaw id-diverżjoni tat-traffiku fir-reġjuni ta' l-Alpi u biex jiżguraw tqassim aħjar tat-traffiku f'dawk iż-żoni.

*Artikolu 31*

**Miżuri**

1. Għal dan il-għan, il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri biex jiżguraw kompetizzjoni b'saħħitha bejn u fil-varji mezzi tat-trasport u biex jiffaċilitaw l-użu ta' mezzi aktar ambjentali biex iġorru l-passiġġieri u l-merkanzija.

2. Minbarra d-disposizzjonijiet ippreżentati fit-Titoli II u III, dawn il-miżuri għandhom jinkludu:

— l-iżvilupp ta' l-infrastrutturi transalpini tal-linji tal-ferroviji u li jsiru disponibbli s-servizzi disponibbli tat-trasport tal-linji tal-ferroviji u s-servizzi konġunti tat-trasport li huma kompetittivi rigward prezz u kwalità,

— l-introduzzjoni ta' sistemi xierqa ta' miżati għat-trasport tat-toroq,

— miżuri ta' appoġġ.

3. Il-miżuri meħuda mill-Partijiet Kontraenti taħt dan il-Ftehim ikunu implimentati gradatament u, sa fejn possibbli, f'manjiera kkordinata.

*Artikolu 32*

**Prinċipji**

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 47, il-miżuri ppreżentati fl-Artikolu 31 għandhom iħarsu l-prinċipji li ġejjin:

— l-ebda diskriminazzjoni, kemm jekk diretta jew indiretta, fuq bażi taċ-ċittadinanza tat-trasportatur, il-post tar-reġistrazzjoni tal-vettura, jew l-oriġini u/jew id-destinazzjoni ta' l-operazzjoni tat-trasport,

▼B

— l-għażla ħielsa tal-mezz tat-trasport,

— l-ebda restrizzjoni kwantitattivà unilaterali,

— territorjalità,

— proporzjonalità fl-imposizzjoni ta' piżijiet dwar l-ispejjeż tat-trasport, li jestendu wkoll għal kriterji dwar it-tip ta' vettura,

— trasparenza,

— kondizzjonijiet komparabbli ta' l-użu tat-toroq transalpini differenti,

— li jkun evitat kull tfixkil fil-mixi tat-traffiku fir-reġjuni Alpini,

— reċiproċità.

## B. TRASPORT BIL-LINJI TAL-FERROVIJI U KONĠUNT

*Artikolu 33*

**Għanijiet**

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-għan li jistabbilixxu kapaċità tat-trasport tal-linji tal-ferroviji u konġunta li hija adegwata fuq bażi ta' kapaċità u li hija kompetittiva, kemm bħala ekonomija kif ukoll fuq bażi tal-kwalità tas-servizz, bi trasport tat-triq għar-reġjun Alpin, waqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-prinċipji ppreżentati fl-Artikolu 32 u li jiżguraw mhux biss il-mod liberu kif jilagħbu l-forzi tas-suq, l-aktar billi jinfetaħ l-aċċess għall-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji kif ipprovdut fit-Titolu III, iżda wkoll l-indipendenza ta' l-impriżi tal-linji tal-ferroviji.

2. Għal dan il-għan, il-Partijiet Kontraenti għandhom:

— fil-limiti tal-kompetenzi tagħhom jieħdu l-miżuri ta' l-infrastruttura u operazzjonali meħtieġa, fl-Isvizzera u fit-territorju tal-Komunità, biex jiżguraw viabilità fit-tul, koeżjoni, u integrazzjoni tal-kapaċità Svizzera f'sistema ta' linji tal-ferroviji ta' distanzi twal,

— ukoll jintrabtu li jiżviluppaw l-interkonnessjoni u interoperazzjonalità tan-*networks* tat-trasport tal-linji tal-ferroviji u konġunti. Għandhom jiżguraw li l-koperazzjoni meħtieġa għal dan l-iskop ma' l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet internazzjonali kkonċernati u jagħtu struzzjonijiet lill-Kumitat Konġunt biex jissorvelja dawn l-aspetti.

3. Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu li, waqt li qed idaħħlu gradatament l-arranġamenti tat-taxxa tat-triq riferuta fl-Artikolu 40, għandhom ukoll jieħdu passi biex jipprovdu l-utenti b'kapaċità ta' trasport tal-linji tal-ferroviji u konġunt li, fuq bażi tal-kapaċità, prezz u kwalità, huwa tali li jiżgura tqassim ekwitabbli tat-traffiku fit-toroq varji transalpini.

*Artikolu 34*

**Kapaċità tal-provvista tal-linji tal-ferroviji**

1. Il-Partijiet Kontraenti jikkonfermaw l-impenni rispettivi tagħhom kif ippreżentati fl-Artikoli 5 u 6 tal-Ftehim ta' l-1992, li fihom huma mistenni li l-Isvizzera tibni konnessjoni ta' linji ġodda tal-ferroviji fl-Alpi (NRLA) u l-Komunità għandha żżid il-kapaċità ta' l-aċċess

▼B

tat-tramuntana u tan-nofsinhar tat-toroq għall-NRLA. Barra minn hekk, ftehmu li dawn l-infrastrutturi l-ġodda tal-linji tal-ferroviji jinbnew skond il-kejl tat-tgħabbija C ta' l-IUR.

2. Għall-Komunità l-miżuri ta' l-infrastruttura riferuti fil-paragrafu 1 jagħmlu parti mill-miżuri li ttieħdu taħt, u skond, id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-linji ta' gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew, inklużi l-fwies tat-trasport tal-linji tal-ferroviji u konġunt fl-Alpi u, b'mod partikolari, it-toroq ta' l-aċċess għall-infrastrutturi Svizzeri tal-linji tal-ferroviji u l-istallazzjoni tat-trasport konġunt.

3. Iż-żewġ Partijiet Kontraenti għandhom jaħdmu flimkien biex jippermettu l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom li jippjanaw u jimplimentaw, f'manjiera kkordinata, il-miżuri tat-trasport ta' l-infrastruttura, tal-linji tal-ferroviji, u konġunt meħtieġa biex jaqdu l-impenni riferuti fil-paragrafi 1 u 2 u biex jarmonizzaw l-iskeda tax-xogħol skond il-kapaċità meħtieġa. Għal dan il-għan, għandhom ifittxu li jipproduċu rendiment fuq l-investiment u għandhom jieħdu l-miżuri xierqa fil-Kumitat Konġunt.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jiatbbilixxi sottokumitat bir-responsabbiltà li jara l-kordinazzjoni tal-proġetti ta' l-infrastruttura fir-reġjun ta' l-Alpi. Is-sottokumitat għandu jkun magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Isvizzera, il-Komunità u l-Istati Membri tal-Komunità li jinsabu fir-reġjun ta' l-Alpi.

*Artikolu 35*

**Parametri ekonomiċi**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu dak kollu meħtieġ biex jilħqu l-għan ippreżentat fl-Artikolu 33. Għal dan il-għan, għandhom jieħdu l-passi biex jiżguraw li t-trasport tal-merkanzija bit-trasport tal-linji tal-ferroviji u konġunt fl-Isvizzera, inkluż it-trasport akkumpanjat konġunt, jibqa' kompetittiv, f'termini ta' prezz u kwalità tas-servizz, bit-trasport tat-triq fuq l-istess rotot, waqt li fl-istess ħin tonora l-garanziji dwar l-indipendenza ta' l-impriżi tal-linji tal-ferroviji.

2. Bil-ħsieb li tkun stabbilita kapaċità xierqa ta' trasport tal-linji tal-ferroviji u konġunt, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-investiment fl-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji, tagħmir fiss u mobbli meħtieġ għat-trasbord bejn il-modi ta' fuq l-art, tagħmir tat-trasport speċifikament adattat għat-trasport konġunt u wżat għat-trasport konġunt u, sa fejn tippermetti l-leġislazzjoni rispettiva tagħhom, l-ispejjeż ta' l-operazzjoni tas-servizzi tat-trasport konġunt li jaqsmu t-territorju Svizzeru, sakemm dawn il-miżuri jgħinu t-titjib fil-livell tal-kwalità u kompetittività fuq bażi tal-prezzijiet tal-kapaċità tat-trasport tal-linji tal-ferroviji u konġunt u ma joħolqux distorzjoni sproporzjonata ta' kompetizzjoni fost l-operaturi. Ir-responsabbiltà tal-prezzijiet tat-trasport tal-linji tal-ferroviji tkompli tkun eserċitata mill-awtoritajiet jew l-entitajiet kompetenti.

3. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jikkonkludu kuntratti tas-servizz pubbliku ma' l-impriżi tal-linji tal-ferroviji sabiex jiggarantixxu servizzi adegwati tat-trasport bil-linji tal-ferroviji, wara li jkunu kkunsidrati l-fatturi soċjali u ambjentali.

▼B

4. Kull waħda mill-Partijiet Kontraenti għandha tieħu l-passi, fil-limiti tal-kompetenzi tagħha, biex tiżgura li l-effett fuq is-suq ta' kull għajnuna uffiċjali li tingħata minn waħda mill-Partijiet Kontraenti ma titbaxxix bl-imġieba tal-Parti Kontraenti l-oħra jew entità stabbilita fit-territorju tagħha jew fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jissorvelja l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu mill-Partijiet Kontraenti.

*Artikolu 36*

**Parametri ta' kwalità**

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li jagħmlu dak kollu meħtieġ biex jilħqu l-għanijiet ippreżentati fl-Artikolu 33. Għal dan il-għan, jintrabtu li jippromwovu t-transport konġunt.

2. Matul il-fażi transitorja riferuta fl-Artikolu 8, l-Isvizzera wkoll tintrabat, skond it-Titolu II tal-Ftehim ta' l-1992, li tistabbilixxi kapaċità akkumpanjata ta' trasport konġunt ("*rolling highway*") li hija kompetittiva f'termini ta' kwalità u ta' prezz mat-trasport tat-triq.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu dak kollu meħtieġ biex jippromwovu t-trasport konġunt. B'mod partikolari, għandhom jieħdu l-passi biex jiżguraw li d-disposizzjonijiet li ġejjin huma applikati:

— konformità mar-regolamenti li jirregolaw l-i *standards* tekniċi u soċjali għat-trasport bit-triq, l-aktar dwar il-ħin tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ, limiti ta' veloċità u l-i *standards* ta' l-ogħla toqol u qisien,

— tnaqqis fil-kontrolli tal-fruntiera tat-trasport tal-linji tal-ferroviji u t-trasferiment ta' dawn il-kontrolli sal-punt tal-wasla jew tat-tluq skond il-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 bejn il-Komunità u l-Isvizzera u bejn il-pajjiżi ta' l-EFTA dwar proċedura komuni ta' transitu,

— faċilitazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-linja tat-trasport konġunt billi jkunu ssimplifikati l-kondizzjonijiet regolatorji u amministrattivi li jirregolaw kull waħda mill-Partijiet Kontraenti,

— provvidiment ta' inċentivi għall-operaturi tat-trasport konġunt u operaturi tal-linji tal-ferroviji biex tittejjeb il-kwalità tas-servizz tagħhom.

Lista tal-parametri tal-linji tal-ferroviji hija ppreżentata fAnness 9. Dawn il-parametri għandhom ikunu kkunsidrati meta jintuża l-Artikolu 46.

4. Taħt l-iskop ta' dawn il-poteri, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li l-miżuri xierqa jittieħdu biex jippermettu l-ħolqien malajr tal-kurriduri tal-ġarr bil-linji tal-ferroviji. Għandhom iżommu lil xulxin informati regolarment b'kull miżura li jipproponu dwar dawn il-kuriduri tal-linji tal-ferroviji.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jħejji rapport kull sentejn dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri riferuti f'dan l-Artikolu.

▼B

## Ċ. SISTEMI TA' MIŻATI TAT-TRASPORT TAT-TRIQ

*Artikolu 37*

**Għanijiet**

Taħt l-iskop tal-poteri tagħhom u skond il-proċeduri rispettivi tagħhom u ma' l-għanijiet tat-Titolu III tal-Ftehim ta' l-1992, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu huma stess l-għan li gradatament jintroduċu s-sistemi tal-miżati kapaċi jimponu lill-vetturi tat-triq u mezzi oħra tat-trasport l-ispejjez li joħolqu.

*Artikolu 38*

**Prinċipji**

1. Is-sistemi tal-miżati għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ppreżentati fl-Artikolu 32, l-aktar il-prinċipji tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni, il-proporzjonalità, u t-trasparenza.

2. Il-piżijiet għandhom ikunu magħmula minn taxxi fuq il-vetturi, taxxi fuq il-karburanti u miżati fuq l-użu tan-network tat-toroq.

3. Biex ifittxu li jiksbu l-għanijiet riferuti fl-Artikolu 37, preferenza għandha tingħata lill-miżuri li ma jirriżultawx li jdawwru t-traffiku l-bogħod mill-aktar triq xierqa teknikament, ekonomikament u ġeografikament bejn il-punt tat-tluq u l-punt ta' l-aħħar destinazzjoni ta' l-operazzjoni tat-trasport.

4. Il-miżuri għandhom ikunu applikati b'tali mod li ma jwaqqfux il-moviment liberu tal-merkanzija jew tas-servizzi bejn il-Partijiet Kontraenti, l-aktar dwar l-amministrazzjoni jew il-ġbir tal-miżati u l-piżijiet għall-użu tat-toroq, in-nuqqas ta' kontrolli jew verifiki sistematiċi fuq il-fruntieri bejn il-Partijiet Kontraenti u n-nuqqas ta' formalitajiet eċċessivi. Sabiex tevita diffikoltajiet dwar dan, l-Isvizzera għandha tfittex li tapplika r-regoli tal-Komunità fis-seħħ f'dan il-qasam.

5. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom jgħoddu għall-vetturi li għandhom toqol massimu awtorizzat (MAW), iddikjarat fid-dokument tar-reġistrazzjoni tagħhom, ta' 12-il tunnellata metrika jew aktar. Madankollu, dan il-Ftehim m'għandux iwaqqaf l-adozzjoni minn waħda mill-Partijiet Kontraenti, fit-territorju tagħha, ta' miżuri nnominati biex jinkludu vetturi li għandhom MAW ta' anqas minn 12-il tunnellata metrika.

6. Il-Partijiet Kontraenti m'għandhomx jagħtu lid-ditti, inklużi l-impriżi tat-trasport, xi għajnuna diretta jew indiretta ta' l-Istat iddisinjata biex ikun aktar faċli għal dawk id-ditti li jifilħu għall-piż tal-piżijiet tat-trasport imposti taħt is-sistemi tal-miżati pprovduti f'dan il-Ftehim.

*Artikolu 39*

**Interoperabilità ta' l-istrumenti**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom iżommu konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt biex jiksbu livell xieraq ta' interoperabilità tas-sistemi elettroniċi għall-ġbir tal-piżijiet għall-użu tat-toroq.

▼B

*Artikolu 40*

**Miżuri Svizzeri**

1. Bil-ħsieb li jintlaħqu l-għanijiet ippreżentati fl-Artikolu 37 u minħabba ż-żidiet fil-limiti tat-toqol stipulati fl-Artikolu 7(3), l-Isvizzera għandha ddaħħal taxxa mhux diskriminatorja fuq il-vetturi, f'żewġ stadji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2001 u l-1 ta' Jannar 2005 rispettivament. B'mod partikolari, it-taxxa għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji riferuti fl-Artikolu 38(1) u fuq il-proċeduri ppreżentati fAnness 10.

2. Il-piżijiet għandhom ikunu ddifferenzati skond it-tliet kategoriji ta' l-i *standards* ta' l-emissjoni (euro). Taħt is-sistema tat-taxxa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005, id-differenza fil-piż minn kategorija waħda għall-oħra trid tkun kbira kemm jista' jkun iżda ma tridx taqbeż il-15 % tal-medja peżata tal-piżijiet riferuti fil-paragrafu 4.

3. (a) Taħt is-sistema tat-taxxa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2001, l-ammonti massimi fil-każ ta' vettura li mgħobbija għandha toqol attwali ta' mhux aktar minn 34 t u tivvjaġġa distanza ta' 300km tul l-Alpi ma jistgħux jaqbżu 205 CHF għal vettura li mhix konformi ma' l-i *standards* ta' l-EURO, 172 CHF għal vettura konformi ma' l-i *standard* I ta' l-EURO u 145 CHF għal vettura konformi ma' l-i *standard* II ta' l-EURO.

(b) Bħala deroga mill-paragrafu (a), il-Komunità għandha, għall-perjodu mill-1 Jannar 2001 sal-31 Diċembru 2004, tirċievi kwota fis-sena għal 220 000 vjaġġ uniku minn vetturi vojta jew vetturi li jġorru prodotti ħfief, sakemm it-toqol totali attwali mgħobbija tal-vettura ma jaqbiżx it-28 tunnellata metrika, fi transitu tul l-Alpi Svizzeri, ma' pagament ta' miżata għall-użu ta' l-infrastruttura. Din il-miżata tkun ta' 50 CHF fis-sena 2001, 60 CHF fl-2002, 70 CHF fl-2003 u 80 CHF fl-2004. L-Isvizzera għandha wkoll tirċievi kwota suġġetta għall-istess kondizzjonijiet. Dawn il-vjaġġi għandhom ikunu suġġetti għall-proċedura ta' kontroll tas-soltu.

4. Taħt is-sistema tat-taxxa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005, il-medja peżata tal-piżijiet m'għandhiex taqbeż it-325 CHF għall-vetturi li għandhom toqol totali attwali mgħobbija ta' mhux aktar minn 40 t u li jivvjaġġaw distanza ta' 300 km tul l-Alpi. Il-miżata għall-aktar kategorija ta' tniġġiż m'għandhiex taqbeż it-380 CHF.

5. Parti mill-miżati riferuti fil-paragrafi 3 u 4 tista' tkun magħmula mill-piżijiet ta' l-użu tat-toroq għall-użu ta' l-infrastruttura speċjalizzata ta' l-Alpi. Din il-parti ma tridx tikkostitwixxi aktar minn 15 % tal-piżijiet riferuti fil-paragrafi 3 u 4.

6. Il-peżati riferuti fil-paragrafu 4 għandhom ikunu stabbiliti skond in-numru ta' vetturi għal kull kategorija normali ta' l-EURO li topera fl-Isvizzera. In-numru ta' vetturi f'kull kategorija jkun stabbilit fuq il-bażi taċ-ċensimenti li jkunu eżaminati mill-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat

▼B

Konġunt għandu jistabilixxi l-peżati fuq il-bażi ta' l-eżamijiet, l-ewwel waħda ssir qabel l-1 ta' Lulju 2004, imwettaq kull sentejn, sabiex jikkunsidraw ix-xejriet fl-istruttura tal-flotta tal-vetturi li topera fl-Isvizzera u l-bidliet ta' l-i *standards* ta' l-EURO.

*Artikolu 41*

**Miżuri tal-Komunità**

Il-Komunità għandha tkompli tiżviluppa s-sistemi tal-miżati applikabbli fit-territorju tagħha, li jirriflettu l-ispejjeż li joħorġu mill-użu ta' l-infrastruttura. Dawn is-sistemi għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji ta' "ħlas ta' l-utent".

*Artikolu 42*

**Reviżjoni tal-livell tal-miżati**

1. Fl-1 ta' Jannar 2007, u f'intervalli ta' kull sentejn wara, il-livelli massimi tal-miżati stabbiliti fl-Artikolu 40(4) għandhom ikunu emendati skond ir-rati ta' l-inflazzjoni fl-Isvizzera matul is-sentejn ta' qabel. Għal dan l-iskop, l-Isvizzera għandha tibgħat lill-Kumitat Konġunt, sat-30 ta' Settembru l-aktar tard tas-sena ta' qabel l-aġġustament, l-informazzjoni statistikali meħtieġa li fuqha għandu jibbaża l-aġġustament li qed ikun ikkunsidrat. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa', fuq talba tal-Komunità, fi żmien 30 ġurnata minn meta jirċievi din il-komunikazzjoni, biex iżomm konsultazzjonijiet dwar l-aġġustament li qed ikun ikkunsidrat.

Jekk, matul il-perjodu ta' bejn il-firma ta' dan il-Ftehim u l-31 ta' Diċembru 2004, ir-rata medja fis-sena ta' l-inflazzjoni fl-Isvizzera taqbeż it-2 %, il-livelli massimi tal-miżati stabbiliti fl-Artikolu 40(4) għandhom ikunu aġġustati biex jikkunsidraw biss l-inflazzjoni li taqbeż ir-rata fis-sena ta' 2 %. Għandha tgħodd il-proċedura stabbilita fis-subparagrafu ta' qabel.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, il-Kumitat Konġunt jista', fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet, jirrevedi l-livelli masimi tal-miżati stabbiliti fl-Artikolu 40(4) bil-għan li jkunu aġġustati bil-ftehim ta' bejniethom. Din ir-reviżjoni għandha ssir fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

— il-livell u l-istruttura tat-taxxi fiż-żewġ Partijiet Kontraent, l-aktar dwar it-toroq komparabbli transalpini,

— it-tqassim tat-traffiku bejn it-toroq komparabbli transalpini,

— xejriet fit-tqassim tal-modi fir-reġjun ta' l-Alpi,

— l-iżvilupp ta' l-infrastruttura tal-linji transalpini tal-ferroviji.

D. MIŻURI TA' APPOĠĠ

*Artikolu 43*

**Faċilitazzjoni tal-kontrolli tal-fruntiera**

1. Il-Partijiet Kontraenti jintrabtu li jnaqqsu u jissimplifikaw il-formalitajiet assoċjati ma' l-operazzjonijiet tat-trasport, b'mod partikolari fil-qasam tad-dwana.

▼B

2. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar is-simplifikazzjoni ta' l-ispezzjonijiet u l-formalitajiet dwar it-trasport tal-merkanzija tal-21 ta' Novembru 1990, il-Konvenzjoni dwar il-proċedura ta' transitu komuni ta' l-20 ta' Mejju 1987 u, fil-każ tat-trasport bil-linji tal-ferroviji, il-ftehim bejn id-ditti tal-linji tal-ferroviji dwar spezzjonijiet tekniċi għall-assenjament ta' vaguni tal-merkanzija għall-operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali għandu jservi bħala l-bażi tal-miżuri li jittieħdu mill-Partijiet Kontraenti skond il-paragrafu 1.

*Artikolu 44*

**_Standards_ ekoloġiċi għal vetturi kummerċjali**

1. Bil-għan li jkun żgurat ħarsien aħjar ta' l-ambjent u mingħajr preġudizzju għall-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 7, il-Partijiet Kontraenti għandhom ifittxu, b'mod partikolari, li jdaħħlu *standards* ekoloġiċi li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni sabiex jitnaqqas il-gass ta' l-ispurgar, emissjonijiet ta' partiċelli u ħsejjes minn vetturi ta' merkanzija tqila.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom iżommu konsultazzjonijiet regolari matul it-tħejjija ta' dawn l-i *standards*.

3. Il-kategorija ta' emissjoni ta' l-EURO għall-vetturi ta' merkanzija tqila (kif definita fil-leġislazzjoni tal-Komunità), jekk mhux iddikjarata fid-dokument tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, trid tkun aċċertata mid-data ta' meta l-vettura tidħol l-ewwel fis-servizz, kif hemm dikjarat fuq dak id-dokument, jew, fejn ikun il-każ, minn dokument speċjali addizzjonali maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-ħruġ tad-dokumenti.

*Artikolu 45*

**Osservatorju tat-traffiku**

1. Osservatorju permanenti għas-sorveljanza tat-traffiku tat-triq, tal-linji tal-ferroviji u t-traffiku konġunt fir-reġjun ta' l-Alpi għandu jkun stabbilit hekk kif dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ. Għandu jirrapporta kull sena dwar xejriet tat-traffiku lill-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 51 ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jista' wkoll jitlob l-osservatorju biex iħejji rapport speċjali, b'mod partikolari f'każijiet fejn huma applikati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 46 u 47 ta' dan il-Ftehim.

2. Ix-xogħol ta' l-osservatorju jkun iffinanzjat mill-Partijiet Kontraenti, fil-proporzjon li jkun deċiż mill-Kumitat Konġunt.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jistabilixxu l-proċeduri amministrattivi li jirregolaw l-operazzjoni ta' l-osservatorju permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li għandha tittieħed fl-ewwel laqgħa tiegħu.

E. MIŻURI KORRETTIVI

*Artikolu 46*

**Miżuri unilaterali ta' salvagwardji**

1. Jekk, wara l-1 ta' Jannar 2005, minkejja l-prezzijiet kompetittivi tal-linji tal-ferroviji u l-applikazzjoni tajba tal-miżuri pprovduti fl-Artikolu 36 dwar il-parametri tal-kwalità, hemm diffikoltajiet fil-mixi tat-traffiku tat-toroq transalpini Svizzeri u jekk, fuq perjodu ta' 10 ġimgħat, ir-rata medja ta' l-użu tal-kapaċità tal-linji tal-ferroviji fl-Isvizzera

▼B

(trasport konġunt akkumpanjat jew mhux akkumpanjat) huwa anqas minn 66 %, l-Isvizzera tista', bħala deroga mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 40(4) u (5), iżżid il-piżijiet ipprovduti fl-Artikolu 40(4) b'mhux aktar minn 12,5 %. L-introjtu kollu minn din iż-żieda għandu jintuża biex jgħin it-trasport tal-linji tal-ferroviji u t-trasport konġunt isiru aktar kompetittivi mat-trasport bit-triq.

2. Meta jiġru l-istess ċirkostanzi bħal dawk ippreżentati fil-paragrafu 1 fuq it-territorju tagħha, il-Komunità tista', suġġetta għall-kondizzjonijiet komparabbli, tieħu miżuri korrettivi simili.

3. (a) Il-miżura ta' hawn fuq għandha tkun limitata fl-iskop u bħala żmien għal dak kollu li huwa strettament meħtieġ biex tirranġa s-sitwazzjoni. Iż-żmien tal-miżura ma jistax jaqbeż is-sitt xhur iżda jista' jkun estiż għal perjodu wieħed ieħor ta' sitt xhur. Aktar estensjonijiet jistgħu jkunu miftehma mill-Kumitat Konġunt.

(b) Fejn waħda mill-Partijiet Kontraenti, f'okkażjoni qabel, applikat il-miżuri riferuti fil-paragrafu 1 jew 2, rikors ieħr għat-tali miżuri minn dik il-Parti Kontraenti jkun suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

— fejn iż-żmien tal-miżuri ta' qabel ma jaqbiżx is-sitt xhur, aktar miżuri jistgħu jittieħdu biss wara perjodu ta' 12-il xahar mid-data meta jieqfu l-miżuri ta' qabel,

— fejn iż-żmien tal-miżuri ta' qabel qabeż is-sitt xhur, aktar miżuri jistgħu jittieħdu biss wara perjodu ta' 18-il xahar mid-data meta jieqfu l-miżuri ta' qabel,

— taħt l-ebda ċirkostanzi ma jistgħu jkunu introdotti miżuri ta' salvagwardji aktar minn darbtejn matul ħames snin mid-data ta' meta t-tali miżuri kienu introdotti l-ewwel darba.

Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi, bi ftehim komuni, li jidderoga minn dawn il-kondizzjonijiet f'każijiet speċifiċi.

4. Qabel jittieħdu l-miżuri pprovduti fil-paragrafi ta' qabel, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tavża lill-Kumitat Konġunt bl-intenzjoni tagħha. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' biex jeżamina l-kwistjoni. Għajr fejn il-Kumitat Konġunt jiddeċiedi mod ieħor, il-Parti Kontraenti kkonċernata tista' tieħu l-miżura kkonċernata wara perjodu ta' 30 ġurnata mid-data ta' l-avviż tal-miżura lill-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 47*

**Miżuri ta' salvagwardji konsenswali**

1. Fil-każ ta' tfixkil serju fil-mixi tat-traffiku transalpin, li jippreġudika l-kisba ta' l-għanijiet ippreżentati fl-Artikolu 30 ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa', fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet

▼B

Kontraenti, sabiex jiddeċiedi l-miżuri xierqa biex jieħu ħsieb din is-sitwazzjoni. Il-Parti Kontraenti li qed tagħmel it-talba għandha minnufih tavża l-osservatorju tat-traffiku, li għandu jirrapporta dwar is-sitwazzjoni u dwar kull miżura li għandha tittieħed fi żmien 14-il ġurnata.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fi żmien 15-il ġurnata minn meta tintbagħat it-talba. Għandu jeżamina s-sitwazzjoni, waqt li jikkunsidra r-rapport ta' l-osservatorju tat-traffiku. Fi żmien 60 jum mill-ewwel laqgħa dwar il-kwistjoni, il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi fuq il-miżuri li għandhom jittieħdu. Dan il-perjodu jista' jkun estiż bi ftehim komuni.

3. Dawn il-miżuri ta' salvagwardji għandhom ikunu limitati, bħala skop u żmien, għal dak kollu li huwa strettament meħtieġ biex jirranġaw is-sitwazzjoni. Prijorità trid tingħata lil opzjonijiet li jfixklu l-operazzjoni tal-Ftehim mill-anqas kemm jista' jkun.

*Artikolu 48*

**Miżuri dwar kriżi**

Jekk il-mixi tat-traffiku transalpin huwa mfixkel serjament minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri, bħal fil-każ ta' disastru naturali, il-Partijiet Kontraenti, kull waħda fit-territorju tagħha stess, għandhom jieħdu l-azzjonijiet kollha miftehma biex iġibu lura jew iżommu l-mixi tat-traffiku. Prijorità għandha tingħata għal tagħbija sensittiva bħal merkanzija li teħżien.

TITOLU V

**DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 49*

**Implimentazzjoni tal-Ftehim**

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu kull miżura xierqa, kemm ġenerali kif ukoll partikolari, biex jiżguraw li jitwettqu l-obbligi skond dan il-Ftehim.

2. M'għandhomx jieħdu xi miżuri li x'aktarx tfixkel il-kisba ta' l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

3. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim dwar il-limiti massimi awtorizzati tat-toqol għall-vetturi li jingħaqdu ma' oħrajn u ferroviji tat-triq u għas-sistemi tal-miżati tat-trasport għandhom ikunu implimentati taħt proċedura b'żewġ stadji, mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2004 u mill-1 ta' Jannar 2005.

*Artikolu 50*

**Miżuri ta' rettifika**

Jekk Parti Kontraenti waħda tinduna li l-Parti Kontraenti l-oħra naqset li tħares l-obbligi mniżżla f'dan il-Ftehim jew naqset li timplimenta deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, il-Parti Kontraenti ngurjata tista', wara konsultazzjoniet ġewwa l-Kumitat Konġunt, tieħu l-miżuri xierqa biex iżżomm il-bilanċ ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lill-Kumitat Konġunt it-tagħrif kollu meħtieġ biex ikun jista' jwettaq eżami fil-fond tas-sitwazzjoni.

▼B

*Artikolu 51*

**Kumitat Konġunt**

1. Kumitat Konġunt magħruf bħala "l-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Komunità/l-Isvizzera" hawnhekk huwa stabbilit; ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti u jkun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-applikazzjoni sewwa ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan, għandu jħejji r-rakkomandazzjonijiet. Għandu jieħu deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet ipprovduti taħt dan il-Ftehim; dawn id-deċiżjonijiet għandhom isiru mill-Partijiet Kontraenti skond ir-regoli tagħhom stess. Il-Kumitat Konġunt għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim komuni.

2. B'mod partikolari, il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza u l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u, b'mod partikolari, l-Artikoli 27(6), 33, 34, 35, 36, 39, 40, 42, 45, 46, 47 u 54. Għandu jimplimenta l-klawżoli ta' l-adattament u tar-reviżjoni riferuti fl-Artikoli 52 u 55.

3. Sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni sodisfaċenti ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu skambju ta' tagħrif fuq bażi regolari u, fuq it-talba ta' waħda minnhom, għandhom iżommu konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu skambju ta' tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet responsabbli biex japplikaw dan il-Ftehim u, b'mod partikolari, biex joħorġu awtorizzazzjonijiet u biex iwettqu l-ispezzjonijiet. Dawn l-awtoritajiet għandhom jidħlu fi skambju dirett ta' korrispondenza.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, b'deċiżjoni, ir-regoli tiegħu ta' proċedura li għandhom jinkludu, fost disposizzjonijiet oħra, il-proċeduri biex jittellgħu l-laqgħat, jinħatar il-President u jitniżżlu l-kondizzjonijiet tar-riferenza ta' dan ta' l-aħħar.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta hemm bżonn, u mill-anqas darba fis-sena. Kull Parti Kontraenti tista' titlob li ssir laqgħa.

6. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi t-tali partijiet jew gruppi ta' esperti li jqis li hemm bżonn biex jgħinuh fil-qadi tal-kompiti tiegħu.

7. Dan il-Kumitat għandi jaqdi wkoll id-dmirijiet li qabel kienu jsiru mill-Kumitat Konġunt magħruf bħala "l-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Komunità/l-Isvizzera" stabbilit taħt l-Artikolu 18 tal-Ftehim ta' l-1992.

*Artikolu 52*

**Żvilupp tal-liġijiet**

1. Suġġett għall-konformità mal-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, dan il-Ftehim ma jippreġudikax id-dritt ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti li temenda b'mod unilaterali l-leġislazzjoni domestika tagħha fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim.

2. Hekk kif waħda mill-Partijiet Kontraenti tħejji leġislazzjoni ġdida f'qasam kopert minn dan il-Ftehim, għandha formalment titlob l-opinjoni ta' l-esperti tal-Parti Kontraenti l-oħra. Matul il-perjodu ta' qabel l-adozzjoni formali ta' din il-leġislazzjoni ġdida, il-Partijiet Kontraenti għandhom iżommu lil xulxin informati u għandhom iżommu konsultazzjonijiet kif u meta hemm bżonn. Fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, skambju preliminari ta' opinjonijiet għandu jsir fil-Kumitat Konġunt, b'mod partikolari, dwar l-impatt li tali emenda jkollha fuq l-operazzjoni tal-Ftehim.

▼B

3. Fil-mument ta' l-adozzjoni tal-leġislazzjoni emendata, u sa, l-aktar tard, tmint ijiem wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* jew fil-Kompilazzjoni Uffiċjali tal-Liġijiet u d-Digrieti Federali, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tavża lill-Parti Kontraenti l-oħra bit-test ta' dawn id-disposizzjonijiet ġodda. Fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, skambju ta' opinjonijiet għandu jsir fil-Kumitat Konġunt dwar l-impatt ta' l-emenda fuq l-operazzjoni ta' dan il-Ftehim mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data ta' meta tintbagħat it-talba.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jew:

— jadotta deċiżjoni u jirrevedi l-Annessi 1, 3, 4 u 7 jew, jekk meħtieġ, jipproponi li d-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ikunu riveduti, sabiex jiddaħħlu fihom, kif u meta meħtieġa u fuq il-bażi tar-reċiproċità, l-emendi tal-leġislazzjoni kkonċernata, jew

— jadotta deċiżjoni li biha l-emendi tal-leġislazzjoni kkonċernata jitqiesu li huma konformi ma' dan il-Ftehim, jew

— jiddeċiedi fuq xi miżura oħra mmirata biex tissalvagwardja l-funzjoni sewwa ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi fuq il-proċeduri biex dan il-Ftehim ikun adattat għad-disposizzjonijiet relevanti ta' ftehim futuri bejn il-Komunità jew l-Isvizzera, minn naħa waħda, u pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, kif riferuti fl-Artikoli 13 u 19.

6. Bil-ħsieb li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti għandhom, skond l-iskeda stabbilita fl-Artikolu 49, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet u l-obbligi ekwivalenti għal dawk li hemm fl-istrumenti legali tal-Komunità, kif imniżżla fAnness I, ikunu applikati b'mod attiv matul ir-relazzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 53*

**Kunfidenzjalità**

Ir-rappreżentanti, l-esperti u l-aġenti l-oħra tal-Partijiet Kontraenti jkunu meħtieġa, anki wara t-tmiem ta' l-appuntamenti tagħhom, li ma jikxfux tagħrif miksub fil-kuntest ta' dan il-Ftehim u li, bin-natura tiegħu stess, huwa kopert mill-obbligu tas-sigriet professjonali.

*Artikolu 54*

**Soluzzjoni ta' tilwim**

Kull Parti Kontraenti tista' tressaq kwistjoni taħt tilwima li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim lill-Kumitat Konġunt, li għandu jfittex li jsolvi t-tilwima. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun ipprovdut bl-informazzjoni relevanti kollha għal eżami fil-fond tas-sitwazzjoni bil-għan li jsib soluzzjoni aċċettabbli. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt ikun meħtieġ li jeżamina l-possibbiltajiet kollha biex iżomm il-funzjoni tajba ta' dan il-Ftehim.

▼B

*Artikolu 55*

**Reviżjoni tal-Ftehim**

1. Jekk waħda mill-Partijiet Kontraenti tixtieq li d-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ikunu riveduti, għandha tavża lill-Kumitat Konġunt b'dan. Suġġetta għall-paragrafi 2 u 3, il-verżjoni emendata ta' dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ x'ħin jitlestew l-proċeduri interni rispettivi.

2. L-Annessi 1, 3, 4 u 7 jistgħu jkunu emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt skond l-Artikolu 51(1) sabiex jikkunsidraw l-iżviluppi fil-leġislazzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam.

3. L-Annessi 5, 6, 8 u 9 jistgħu jkunu emendati b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt skond l-Artikolu 51(1).

*Artikolu 56*

**Annessi**

Annessi 1 sa 10 għandhom jifformaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

*Artikolu 57*

**Applikazzjoni territorjali**

Dan il-Ftehim għandu jgħodd, minn naħa waħda, għat-territorji fejn it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea huwa applikat u skond il-kondizzjonijiet mniżżla f'dan it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorju ta' l-Isvizzera.

*Artikolu 58*

**Klawżoli finali**

1. Dan il-Ftehim ikun irratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri tagħhom stess. Jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar ta' wara l-aħħar notifika tad-depożitu ta' l-istrumenti ta' ratifikazzjoni jew approvazzjoni tas-seba' ftehim li ġejjin:

— Ftehim dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri bil-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq,

— Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni,

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru,

— Ftehim dwar il-Kummerċ fi Prodotti Agrikoli,

— Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku dwar l-Istima ta' Konformità,

— Ftehim dwar Ċerti Aspetti ta' Akkwisti li jsiru mill-Gvern,

— Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika.

▼B

2. Dan il-Ftehim ikun konkluż wara perjodu inizjali ta' seba' snin. Ikun jiġġedded indefinittivament sakemm il-Komunità jew l-Isvizzera ma tavżax lill-Parti Kontrenti l-oħra bil-kuntrarju qabel jiskadi l-perjodu inizjali. Fejn jingħata t-tali avviż, il-paragrafu 4 għandu jgħodd.

3. Il-Komunità jew l-Isvizzera jistgħu jemmu dan il-Ftehim billi javżaw id-deċiżjoni tagħhom lill-Parti Kontraenti l-oħra. Fejn jingħata t-tali avviż, il-paragrafu 4 għandu jgħodd.

4. Is-seba' ftehim riferuti fil-paragrafu 1 għandhom jieqfu jkunu applikabbli sitt xhur wara r-riċevuta ta' l-avviż tan-nuqqas tat-tiġdid, kif riferut fil-paragrafu 2, jew tat-tmiem, kif riferut fil-paragrafu 3.

Hecho en Luxemburgo, el veintiuno de junio de mil novecientos noventa y nueve, en doble ejemplar en lenguas alemana, danesa, española, finesa, francesa, griega, inglesa, italiana, neerlandesa, portuguesa y sueca, siendo cada uno de estos textos igualmente auténtico.

Udfærdiget i Luxembourg, den enogtyvende juni nitten hundrede og nioghalvfems, i to eksemplarer på dansk, engelsk, finsk, fransk, græsk, italiensk, nederlandsk, portugisisk, spansk, svensk og tysk, idet hver af disse tekster har samme gyldighed.

Geschehen zu Luxemburg am einundzwanzigsten Juni neunzehnhundertneunundneunzig in zwei Urschriften in dänischer, deutscher, englischer, finnischer, französischer, griechischer, italienischer, niederländischer, portugiesischer, spanischer und schwedischer Sprache, wobei jeder dieser Wortlaute gleichermaßen verbindlich ist.

Έγινε στο Λουξεμβούργο, στις είκοσι μία Ιουνίου χίλια εννιακόσια ενενήντα εννέα, εις διπλούν στην αγγλική, γαλλική, γερμανική, δανική, ελληνική, ισπανική, ιταλική, ολλανδική, πορτογαλική, σουηδική, και φινλανδική γλώσσα, κάθε κείμενο από τα οποία είναι αυθεντικό.

Done at Luxembourg on the twenty-first day of June in the year one thousand and ninety-nine, and drawn up in duplicate in the Danish, Dutch, English, Finnish, French, German, Greek, Italian, Portuguese, Spanish and Swedish languages, each text being equally authentic.

Fait à Luxembourg, le vingt-et-un juin mil neuf cent quatre-vingt dix-neuf, en double exemplaire en langues allemande, anglaise, danoise, espagnole, finnoise, française, grecque, italienne, néerlandaise, portugaise et suédoise, chacun de ces textes faisant également foi.

Fatto a Lussemburgo, addì ventuno giugno millenovecentonovantanove, in duplice copia, in lingua danese, finlandese, francese, greca, inglese, italiana, olandese, portoghese, spagnola, svedese e tedesca, ciascun testo facente ugualmente fede.

Gedaan te Luxemburg, de eenentwintigste juni negentienhonderd negenennegentig, in twee exemplaren in de Deense, de Duitse, de Engelse, de Finse, de Franse, de Griekse, de Italiaanse, de Nederlandse, de Portugese, de Spaanse en de Zweedse taal, zijnde alle teksten gelijkelijk authentiek.

Feito em Luxemburgo, em vinte e um de Junho de mil novecentos e noventa e nove, em duplo exemplar nas línguas alemã, dinamarquesa, espanhola, finlandesa, francesa, grega, inglesa, italiana, neerlandesa, portuguesa e sueca, fazendo fé qualquer dos textos.

Tehty Luxemburgissa kahdentenakymmenentenäensimmäusenä päivänä kesäkuuta vuonna tuhatyhdeksänsataayhdeksänkymmentäyhdeksän kahtena kappaleena englannin, espanjan, hollannin, italian, kreikan, portugalin, ranskan, ruotsin, saksan, suomen ja tanskan kielellä, ja kaikki teksti ovat yhtä todistusvoimaiset.

Utfärdat i Luxemburg den tjugoförsta juni nittonhundranittionio i två exemplar på det danska, engelska, finska, franska, grekiska, italienska, nederländska, portugisiska, spanska, svenska och tyska språket, vilka samtliga texter är lika giltiga.

▼B

Por la Comunidad Europea
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Voor de Europese Gemeenschap
Pela Comunidade Europeia
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar





Por la Confederación Suiza
For Det Schweiziske Edsforbund
Für der Schweizerischen Eidgenossenschaft
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
For the Swiss Confederation
Pour la Confédération suisse
Per la Confederazione svizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
Pela Confederação Suíça
Sveitsin valaliiton puolesta
På Schweiziska Edsförbundets vägnar





▼B

## LISTA TA' ANNESSI

| | |
|---|---|
| Anness 1: | L-Artikoli 5(2), 6, 7(1), 24(1), 25(5) u 27(2): disposizzjonijiet applikabbli |
| Anness 2: | L-Artikolu 8(5): regoli għall-applikazzjoni tal-piżijiet ipprovduti fl-Artikolu 8 |
| Anness 3: | L-Artikolu 9(1): mudell ta' l-awtorizzazzjoni tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq |
| Anness 4: | L-Artikolu 9(3): lista tat-tipi tal-merkanzija li għandhom ikunu eżentati minn kull sistema ta' liċenzi u minn kull awtorizzazzjoni |
| Anness 5: | L-Artikoli 12 u 13: lista tad-drittijiet eżistenti tal-ftehim bilaterali fis-seħħ |
| Anness 6: | L-Artikolu 15(2): eżenzjonijiet mil-limiti tat-toqol u mill-projbizzjoni tas-sewqan bil-lejl u nhar ta' Ħadd |
| Anness 7: | L-Artikoli 17, 18 u 21: trasport internazzjonali ta' passiġġieri, bil-*coach* u bil-karozza tal-linja, u l-proċedura ta' l-awtorizzazzjoni |
| Anness 8: | L-Artikoli 19 u 20: lista tad-drittijiet eżistenti tal-ftehim bilaterali fis-seħħ |
| Anness 9: | L-Artikolu 36: parametri tal-kwalità għas-servizzi tat-trasport bil-linji tal-ferroviji u trasport konġunt |
| Anness 10: | L-Artikolu 40(1): regoli għall-applikazzjoni tal-piżijiet ipprovduti fl-Artikolu 40 |

▼M7

*ANNESS 1*

**DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI**

F'konformità mal-Artikolu 52(6) ta' dan il-Ftehim, l-Iżvizzera tapplika dispożizzjonijiet legali ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn taħt:

**DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI TAD-DRITT TAL-UNJONI EWROPEA**

TAQSIMA 1 – AĊĊESS GĦALL-PROFESSJONI

— Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

— Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

— Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim,

a) l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera għandhom jeżentaw liċ-ċittadini kollha tal-Konfederazzjoni Żvizzera, ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea mill-obbligu li jkollhom ċertifikazzjoni ta' sewwieq.

b) il-Konfederazzjoni Żvizzera ma tistax teżenta liċ-ċittadini ta' Stati oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt a) hawn fuq mill-obbligu li jkollhom fil-pussess tagħhom ċertifikazzjoni ta' sewwieq qabel ma tikkonsulta u tikseb l-approvazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

c) id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 (dwar il-kabotaġġ) ma japplikawx.

— Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 (dwar il-kabotaġġ) ma japplikawx.

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi għad-dejta li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ĠU L 339, 22.12.2009, p. 36).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2010 tas-16 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 21).

▼M7

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 361/2014 tad-9 ta' April 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 (KE) (ĠU L 107, 10.4.2014, p. 39).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 tat-18 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni, li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba tal-operatur tat-trasport bit-triq u li jemenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 8).

TAQSIMA 2 – STANDARDS SOĊJALI

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' registrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1161/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 (ĠU L 311, 31.10.2014, p. 19).

— Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

— Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħrig perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

— Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1), kif emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

— Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35), kif emendata l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 tat-18 ta' Marzu 2016 (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 8).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 581/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 dwar il-perjodi massimi għat-tniżżil ta' data rilevanti mill-unitajiet tal-vetturi u minn kards tas-sewwieqa (ĠU L 168, 2.7.2010, p. 16).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1013 tat-30 ta' Marzu 2017 li tfassal il-formola standard għar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 153, 16.6.2017, p. 28).

▼M7

TAQSIMA 3 – STANDARDS TEKNIĊI

**Vetturi bil-mutur**

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 42, 23.2.1970, p. 16) kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/34/KE tal-14 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 49).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE | tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri f'dak li hu miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-ħruġ ta' gassijiet u tniġġis ta' partiċelli minn compression ignition engines għal użu f'inġenji, u ħruġ ta' gassijiet li jniġġsu minn positive ignition engines li jaħdmu b'gass naturali jew gass tal-pitrolju likwidu għall-użu f'inġenji (ĠU L 36, 9.2.1988, p. 33), p. 33), emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/27/KE tal-10 ta' April 2001 (ĠU L 107, 18.4.2001, p. 10).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet tal-Istati Membri dwar l-użu mandatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà f'vetturi ta' inqas minn 3,5 tunnellati (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26), kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/37/UE tas-27 ta' Frar 2014 (ĠU L 59, 28.2.2014, p. 32).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27) kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 2002/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 (ĠU L 327, 4.12.2002, p. 8).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KEE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59), kif emendata permezz tad-Direttiva 2002/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 (ĠU L 67, 9.3.2002, p. 47).

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2411/98 tat-3 ta' Novembru 1998 dwar kif jingħaraf fit-traffiku inter-Komunitarju d-distintiv tal-Istat Membru fejn ikunu rreġistrati l-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU L 299, tal-10.11.1998, p. 1).

— Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq (ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1), kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE tal-5 ta' Lulju 2010 (ĠU L 173, 8.7.2010, p. 33).

— Id-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni li jaħdmu b'compression ignition għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni b'positive ignition li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi (ĠU L 275, 20.10.2005, p. 1) kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/74/KE tat-18 ta' Lulju 2008 (ĠU L 192, 19.7.2008, p. 51).

— Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy duty (Euro VI) u dwar l-aċċess

▼M7

għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 133/2014 tal-31 ta' Jannar 2014 (ĠU L 47, 18.2.2014, p. 1).

— Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet teknići separati destinati għalihom, ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 627/2014 tat-12 ta' Ġunju 2014 (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 28).

— Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

— Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131).

**Trasport ta' oġġetti perikolużi**

— Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KEE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35) kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 2008/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 11).

— Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13) kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/217 tal-31 ta' Jannar 2018 (ĠU L 42, 15.2.2018, p. 52).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, fl-Iżvizzera japplikaw id-derogi tad-Direttiva 2008/68/KE li ġejjin:

1. *Trasport bit-triq*

Id-derogi għall-Iżvizzera skont l-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi

**RO - a - CH - 1**

Suġġett: Trasport ta' fjuwil tad-diżil u taż-żejt għat-tisħin bin-numru UN 1202 fil-kontejners tank.

Referenza għall-Anness I, it-Taqsima I.1, ta' din id-Direttiva: il-punti 1.1.3.6 u 6.8.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: L-eżenzjonijiet relatati mal-kwantitajiet ittrasportati għal kull unità ta' trasport, ir-regolamenti li jikkonċernaw il-kostruzzjoni tat-tankijiet.

▼M7

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Il-kontejners tank li mhumiex mibnija skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 6.8 imma skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jkollhom kapaċità ta' anqas minn jew daqs 1 210 litri u li jintużaw għat-trasport ta' żejt għat-tisħin jew fjuwil tad-diżil bin-numru UN 1202 jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet skont il-punt 1.1.3.6 ADR.

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-Appendiċi 1, il-punti 1.1.3.6.3(b) u 6.14, tal-Ordinanza dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - a - CH - 2**

Suġġett: l-eżenzjoni mir-rekwiżit li jinġarr dokument tat-trasport għal ċerti kwantitajiet ta' oġġetti perikolużi kif definit fil-punt 1.1.3.6.

Referenza għall-Anness I, it-Taqsima I.1, ta' din id-Direttiva: il-punti 1.1.3.6 u 5.4.1.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: rekwiżit li jkun hemm dokument tat-trasport.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: It-trasport ta' kontenituri vojta mhux imnaddfa li jidħlu fil-Kategorija tat-Trasport 4 u ċilindri tal-gass mimlija jew vojta għal apparat tan-nifs għall-użu minn servizzi ta' emerġenza jew bħala tagħmir tal-għads taħt l-ilma, fi kwantitajiet li ma jaqbżux il-limiti stipulati fil-punt 1.1.3.6, mhuwiex suġġett għall-obbligu li jkollu d-dokument tat-trasport previst fil-punt 5.4.1

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-Appendiċi 1, il-punt 1.1.3.6.3(c) tal-Ordinanza dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - a - CH - 3**

Suġġett: Trasport ta' tankijiet vojta u mhux imnaddfa minn kumpaniji li jagħtu servizz ta' manutenzjoni lill-faċilitajiet tal-ħżin għal-likwidi perikolużi għall-ilma.

Referenza għall-Anness I, it-Taqsima I.1, ta' din id-Direttiva: il-punti 6.5, 6.8, 8.2 u 9.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: il-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-ispezzjoni ta' tankijiet u vetturi; taħriġ għas-sewwieq.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Il-vetturi u t-tankijiet/kontenituri vojta mhux imnaddfa li jintużaw minn kumpaniji ta' manutenzjoni fil-faċilitajiet tal-ħżin għal-likwidi perikolużi għall-ilma biex iżommu likwidi waqt li tkun qed issir manutenzjoni fuq it-tankijiet stazzjonarji mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-ispezzjoni, tat-tikkettar u l-identifikazzjoni "orange-plate" stipulati mill-ADR. Huma suġġetti għal regolamenti speċifiċi ta' tikkettar u ta' identifikazzjoni, u s-sewwieq tal-vettura mhux suġġett għat-taħriġ deskritt fil-punt 8.2.

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-Appendiċi 1, il-punt 1.1.3.6.3.10 tal-Ordinanza dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

Id-derogi għall-Iżvizzera skont l-Artikolu 6(2)(b)(i) tad-Direttiva 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi.

▼M7

**RO - bi - CH - 1**

Suġġett: It-trasport ta' skart domestiku li jkun fih oġġetti perikolużi għal impjanti għar-rimi tal-iskart.

Referenza għall-Anness I, it-Taqsima I.1, ta' din id-Direttiva: il-punti 2, 4.1.10, 5.2 u 5.4.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: Il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ ikkumbinat, l-immarkar u t-tikkettar, id-dokumentazzjoni.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Ir-regoli jinkludu dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-klassifikazzjoni ssimplifikata ta' skart domestiku li jkun fih oġġetti perikolużi (domestiċi) minn espert rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, għall-użu ta' reċipjenti xierqa u għat-taħriġ tas-sewwieq. L-iskart domestiku li ma jkunx jista' jiġi kklassifikat mill-espert jista' jiġi ttrasportat lejn ċentru tat-trattament fi kwantitajiet żgħar identifikat skont il-pakkett u skont l-unità tat-trasport.

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-Appendiċi 1, il-punt 1.1.3.7 tal-Ordinanza dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Osservazzjonijiet: Dawn ir-regoli jistgħu jiġu applikati biss għat-trasport ta' skart domestiku li jkun fih oġġetti perikolużi bejn il-postijiet pubbliċi tat-trattament u l-impjanti għar-rimi tal-iskart.

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - bi - CH - 2**

Suġġett: Trasport lura tal-logħob tan-nar.

Referenza għall-Anness I, it-Taqsima I.1, ta' din id-Direttiva: il-punti 2.1.2 u 5.4.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: Klassifikazzjoni u dokumentazzjoni.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Sabiex jiġi ffaċilitat it-trasport lura tal-logħob tan-nar bin-numri UN 0335, 0336 u 0337 minn bejjiegħa bl-imnut għall-fornituri tagħhom, huma previsti xi derogi fir-rigward tal-indikazzjoni tal-massa netta u l-klassifikazzjoni tal-prodotti fid-dokument tat-trasport.

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-Appendiċi 1, il-punt 1.1.3.8 tal-Ordinanza dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Osservazzjonijiet: Il-verifika ddettaljata tal-kontenut eżatt ta' kull oġġett ta' prodott mhux mibjugħ f'kull pakkett hija prattikament impossibbli għall-prodotti maħsuba għall-kummerċ bl-imnut.

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - bi - CH - 3**

Suġġett: Iċ-ċertifikat ta' taħriġ ADR għal vjaġġi li jsiru bl-iskop li jiġu ttrasportati vetturi li tkun ġratilhom il-ħsara, vjaġġi biex jitwettqu tiswijiet, vjaġġi biex jiġu eżaminati vetturi bit-tank/bit-tankijiet, u vjaġġi li jsiru f'vetturi bit-tank minn esperti responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-vettura kkonċernata.

Referenza għall-Anness I, it-Taqsima I.1, ta' din id-Direttiva: il-punt 8.2.1.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: Is-sewwieqa jridu jagħmlu kors ta' taħriġ.

▼**M7**

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: It-taħriġ u ċ-ċertifikati ta' taħriġ tal-ADR mhumiex meħtieġa għal vjaġġi li jsiru bl-iskop li jiġu ttrasportati vetturi li tkun ġratilhom il-ħsara jew għal provi tas-sewqan relatati ma' tiswijiet, vjaġġi li jsiru f'vetturi bit-tank bl-għan li tiġi eżaminata l-vettura bit-tank jew it-tank tagħha, u vjaġġi li jsiru minn esperti responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-vetturi bit-tank.

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Struzzjonijiet tat-30 ta' Settembru 2008 tad-Dipartiment Federali tal-Ambjent, it-Trasport, l-Enerġija u l-Komunikazzjoni (DETEC) dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq.

Osservazzjonijiet: Ġieli jiġri li l-vetturi li tkun ġratilhom ħsara jew li jkunu qed isirulhom it-tiswijiet u vetturi bit-tank li jkunu qed jitħejjew għal spezzjoni teknika jew li qed jiġu vverifikati matul l-ispezzjoni teknika jkunu għadhom qed iġorru oġġetti perikolużi.

Ir-rekwiżiti fil-punt 1.3 u 8.2.3 għadhom applikabbli.

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

2. *It-trasport bil-ferrovija*

Id-derogi għall-Iżvizzera skont l-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi

**RA - a - CH - 1**

Suġġett: Trasport ta' fjuwil tad-diżil u taż-żejt għat-tisħin bin-numru UN 1202 fil-kontejners tank.

Referenza għat-Taqsima II.1 tal-Anness II, ta' din id-Direttiva: il-punt 6.8.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: Regolamenti li jikkonċernaw il-kostruzzjoni tat-tankijiet.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Il-kontejners tank li mhumiex mibnija skont il-punt 6.8 imma skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jkollhom kapaċità ta' 1 210 litri jew anqas u li jintużaw għat-trasport ta' żejt għat-tisħin jew fjuwil tad-diżil bin-numru UN 1202 huma awtorizzati.

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: L-Anness tal-Ordinanza DETEC tat-3 ta' Diċembru 1996 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija u bl-installazzjoni tal-funikular (RSD, RS 742.401.6) u l-Appendiċi 1, il-Kapitolu 6.14 tal-Ordinanza dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR, RS 741.621).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RA - a - CH - 2**

Suġġett: Dokument tat-trasport.

Referenza għat-Taqsima II.1 tal-Anness II, ta' din id-Direttiva: il-punt 5.4.1.1.1.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: Informazzjoni ġenerali meħtieġa fid-dokument tat-trasport.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: użu ta' terminu kollettiv fid-dokument tat-trasport u lista mehmuża li fiha l-informazzjoni preskritta kif stipulat hawn fuq.

Referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: L-Anness tal-Ordinanza DETEC tat-3 ta' Diċembru 1996 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija u bl-installazzjoni tal-funikular (RSD, RS 742.401.6).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

▼M7

— Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

TAQSIMA 4 – DRITTIJIET TA' AĊĊESS U TRANŻITU FIR-RIGWARD TAL-FERROVIJI

— Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji (ĠU L 143, 27.6.1995, p. 70).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 95/19/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji u l-ħlas ta' drittijiet tal-infrastruttura (ĠU L 143, 27.6.1995, p. 75).

— Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44) kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/88/UE tad-9 ta' Lulju 2014 (ĠU L 201, 10.7.2014, p. 9).

— Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51), kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2016/882 tal-1 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 22).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007 tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' format komuni Ewropew għaċ-ċertifikati tas-sigurtà u d-dokumenti tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u dwar il-validità taċ-ċertifikati tas-sigurtà li nħarġu skont id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 153, 14.6.2007, p. 9), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2007/756/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi previst fl-Artikoli 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE (ĠU L 305, 23.11.2007, p. 30), kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 2011/107/UE tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2011 (ĠU L 43, 17.2.2011, p. 33).

— Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1), kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/38/UE tal-10 ta' Marzu 2014 (ĠU L 70, 11.3.2014, p. 20).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 dwar id-dokument ta' referenza msemmi fl-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 341, 22.12.2009, p. 1), emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2299 tas-17 ta' Novembru 2015 (ĠU L 324,10.12.2015, p. 15).

▼M7

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 36/2010 tat-3 ta' Diċembru 2009 dwar mudelli Komunitarji għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, ċertifikati komplementari, kopji ċċertifikati taċ-ċertifikati komplementari u formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 13, 19.1.2010, p. 1):

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/713/UE tad-9 ta' Novembru 2010 dwar moduli għall-proċeduri għal valutazzjoni ta' konformità, adattezza għall-użu, u verifika tal-KE li għandhom jintużaw fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal interoperabbiltà adottati skont id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 319, 4.12.2010, p. 1).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex jinkisbu ċertifikati tas-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 326, 10.12.2010, p. 11).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1169/2010 tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 327, 11.12.2010, p. 13).

— Ir-Regolament (UE) Nru 201/2011 tal-1 ta' Marzu 2011 dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja (ĠU L 57, 2.3.2011, p. 8).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/275/UE tas-26 ta' April 2011 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-"infrastruttura" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 126, 14.5.2011, p. 53), kif emendata permezz tad-Deċiżjoni 2012/464/UE tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2012 (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 20).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11), kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/302 tal-25 ta' Frar 2015 (ĠU L 55, 26.2.2015, p. 2).

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE tal-4 ta' Ottubru 2011 dwar ir-reġistru Ewropew ta' tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati (ĠU L 264, 8.10.2011, p. 32).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/765/UE tat-22 ta' Novembru 2011 dwar kriterji għar-rikonoxximent ta' ċentri tat-taħriġ involuti fit-taħriġ ta' sewwieqa tal-ferroviji, dwar kriterji għar-rikonoxximent tal-eżaminaturi ta' sewwieqa tal-ferroviji u dwar kriterji għall-organizzazzjoni ta' eżamijiet skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 314, 29.11.2011, p. 36).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/88/KE tal-25 ta' Jannar 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 51, 23.2.2012, p. 1), kif emendata l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/14 tal-5 ta' Jannar 2015 (ĠU L 3, 7.1.2015, p. 44).

▼M7

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2012/757/UE tal-14 ta' Novembru 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema “tal-operat u l-immaniġġjar tat-traffiku” tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li temenda d-Deċiżjoni 2007/756/KE (ĠU L 345, 15.12.2012, p. 1), kif emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/710/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 323, 4.12.2013, p. 35).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2012 tas-16 ta' Novembru 2012 dwar metodu komuni ta' sikurezza għas-superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat ta' sikurezza jew awtorizzazzjoni ta' sikurezza (ĠU L 320, 17.11.2012, p. 3).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2012 tas-16 ta' Novembru 2012 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-monitoraġġ li għandu jiġi applikat mill-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura wara li jirċievu ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni tas-sikurezza u minn entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ĠU L 320, 17.11.2012, p. 8).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' “vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija” tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE (ĠU L 104 tat-12.4.2013, p. 1), emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1236/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 322, 3.12.2013, p. 23).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 402/2013 tat-30 ta' April 2013 dwar il-metodu komuni ta' sikurezza għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 352/2009 (ĠU L 121, 3.5.2013, p. 8) kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1136 tat-13 ta' Lulju 2015 (ĠU L 185, 14.7.2015, p. 6).

— Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/880/UE tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni tar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/633/UE (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 489).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mas-sottosistema tal-“enerġija” tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 179).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-“vetturi ferrovjarji — lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri” tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1303/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-“sikurezza fil-mini ferrovjarji” tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 394).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' “vetturi ferrovjarji — storbju” li jemenda d-Deċiżjoni 2008/232/KE u li jħassar id-Deċiżjoni 2011/229/UE, ĠU L 356, 12.12.2014, p. 421).

▼M7

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 62/2006 (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 438).

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/171 tal-4 ta' Frar 2015 dwar ċerti aspetti tal-proċedura ta' liċenzjar tal-impriżi ferrovjarji (ĠU L 29, 5.2.2015, p. 3).

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju (ĠU L 148, 13.6.2015, p. 17).

TAQSIMA 5 – OQSMA OĦRAJN

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxi tas-sisa fuq żjut minerali (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 19).

— Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).

— Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

▼B

*ANNESS 2*

**REGOLI GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET TAL-PIŻIJIET IPROVDUTI FL-ARTIKOLU 8**

1. Il-miżata Svizzera għall-vetturi li għandhom toqol attwali totali mgħobbija ta' aktar minn 28 t li jużaw l-awtorizzazzjoni riferuta fl-Artikolu 8(2) m'għandhiex taqbeż:

— 180 CHF għal vjaġġ li jgħaddi mill-Isvizzera,

— 70 CHF għal vjaġġ bilaterali lura lejn jew mill-Isvizzera.

2. L-ogħla miżata Svizzera għall-vetturi li jużaw l-awtorizzazzjoni riferuta fl-Artikolu 8(3) u li mgħobbija għandhom toqol attwali ta' aktar minn 34 t iżda mhux aktar minn 40 t u jivvjaġġaw distanza ta' 300km tul l-Alpi tkun ta' 205 CHF għal vettura li mhix konformi ma' l-i *standards* ta' l-EURO, 211 CHF għal vettura konformi ma' l-i *standard* I ta' l-EURO u 178 CHF għal vettura konformi ma' l-i *standard* II ta' l-EURO. Il-miżata għandha tkun applikata skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 40.

3. L-ogħla miżata Svizzera għall-vetturi li jużaw l-awtorizzazzjoni riferuta fl-Artikolu 8(4), li mgħobbija għandhom toqol attwali ta' aktar minn 34 t iżda mhux aktar minn 40 t u jivvjaġġaw distanza ta' 300km tul l-Alpi tkun ta' 300 CHF għal vettura li mhix konformi ma' l-i *standards* ta' l-EURO, 240 CHF għal vettura konformi ma' l-i *standard* I ta' l-EURO u 210 CHF għal vettura konformi ma' l-i *standard* II ta' l-EURO. Il-miżata għandha tkun applikata skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 40.

▼M5

*ANNESS 3*

**IL-KOMUNITÀ EWROPEA**

(a)

(Kulur Pantone light blue (ċelesti) 290, jew kemm jista' jkun viċin dan il-kulur, format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/$m^2$ jew aktar)

(L-ewwel paġna tal-liċenzja)

(It-test bil-lingwi uffiċjali jew b'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri li qed joħorġu l-liċenzja)

| | |
|---|---|
| Is-simbolu distintiv tal-Istat Membru (1) liqed joħroġ il-liċenzja | Isem l-awtorità jew il-korp kompetenti |

Nru TAL-LIĊENZJA: …

jew

KOPJA ĊĊERTIFIKATA Nru …

għat-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq f'isem ħaddieħor

L-awtorizzazzjoni tintitola (2) ....................................................................................

..........................................................................................................................

..........................................................................................................................

biex iwettaq trasport bit-triq internazzjonali ta' merkanzija f'isem ħadd ieħor fuq kwalunkwe rotta, għal vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Komunità kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) …/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija u skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja.

Kummenti partikolari: .............................................................................................

..........................................................................................................................

| | |
|---|---|
| Din il-liċenzja hija valida mill-........ | sa ................................................................ |
| Maħruġa lil ................................... , | fi .................................................................. |

...................................................... (3)

(1) Is-sinjali distintivi tal-Istati Membri huma: (B) il-Belġju, (BG) il-Bulgarija, (CZ) ir-Repubblika Ċeka, (DK) id-Danimarka, (D) il-Ġermanja, (EST) l-Estonja, (IRL) l-Irlanda, (GR) il-Greċja, (E) Spanja, (F) Franza, (HR Il-Kroazja, (IRL) l-Irlanda, (I) l-Italja, (CY) Ċipru, (LV) il-Latvja, (LT) il-Litwanja, (L) il-Lussemburgu, (H) l-Ungerija, (M) Malta, (NL) in-Netherlands, (A) l-Awstrija, (PL) il-Polonja, (P) il-Portugall, (RO) ir-Rumanija, (SLO) is-Slovenja, (SK) is-Slovakkja, (FIN) il-Finlandja, (S) l-Iżvezja, (UK) ir-Renju Unit.

(2) Isem jew isem il-kumpanija u l-indirizz sħiħ tat-trasportatur.

(3) Il-firma u t-timbru tal-awtorità jew tal-korp kompetenti li qed t/joħroġ il-liċenzja.

▼M5

(b)

(It-tieni paġna tal-liċenzja)

(It-test bil-lingwi uffiċjali jew b'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri li qed joħorġu l-liċenzja)

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

Din il-liċenzja qiegħda tingħata skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009.

Din tintitola lid-detentur iwettaq trasport bit-triq internazzjonali ta' merkanzija f'isem ħadd ieħor fuq kwalunkwe rotta, għal vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Komunità u, fejn xieraq, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti hawnhekk:

— meta l-post tat-tluq u l-post tad-destinazzjoni jkunu qegħdin f'żewġ Stati Membri diversi, bit-tranżitu jew mingħajru, minn Stat Membru wieħed jew iżjed jew minn pajjiżi terzi

— minn Stat Membru lejn pajjiż terz u viċi versa, bit-tranżitu jew mingħajru, minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi,

— bejn pajjiżi li mhumiex membri billi jgħaddu mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar,

u vjaġġi mingħajr tagħbija li għandhom rabta ma' dan it-trasport.

Fil-każ ta' trasport minn Stat Membru lejn pajjiż terz u viċi versa, din il-liċenzja hija valida għall-vjaġġ magħmul fit-territorju tal-Komunità. Hija valida biss fl-Istat Membru tat-tagħbija jew tal-ħatt wara l-konklużjoni tal-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiż terz inkwistjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009.

Din tkun personali għad-detentur u ma tkunx trasferibbli.

Tista' tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ħarġiha, partikolarment meta d-detentur:

— ma jkunx konformi mal-kondizzjonijiet kollha għall-użu tal-liċenzja,

— jipprovdi informazzjoni li ma kinitx korretta fir-rigward tad-dejta meħtieġa biex tinħareġ jew tiġi estiża l-liċenzja.

L-oriġinal tal-liċenzja jrid jinżamm mill-impriża tat-trasport.

Kopja ċċertifikata tal-liċenzja trid tinżamm fil-vettura [1]. Fil-każ ta' grupp magħqud ta' vetturi, din trid tkun fil-vettura bil-mutur. Hija tgħodd għall-grupp magħqud ta' vetturi anke jekk it-trejler jew is-semitrejler ma jkunx irreġistrat jew awtorizzat biex juża t-toroq fl-isem ta' min għandu l-awtorizzazzjoni jew jekk huwa reġistrat jew awtorizzat li juża t-toroq fi Stat Membru ieħor.

Il-liċenzja trid tiġi ppreżentata fuq it-talba ta' kwalunkwe uffiċjal ta' spezzjoni awtorizzat.

Id-detentur għandu, fit-territorju ta' kull Stat Membru, jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat, partikolarment fir-rigward tat-trasport u t-traffiku.

---

[1] "Vettura" tfisser vettura bil-mutur irregistrata fi Stat Membru jew vetturi kkombinati, li tal-anqas il-vettura bil-mutur tagħhom tkun irreġistrata fi Stat Membru, użata esklussivament għat-trasport tal-merkanzija.

▼M5

*ANNESS 4*

**TRASPORTI U VJAĠĠI VOJTA MAGĦMULIN B'KONNESSJONI MA' DAN IT-TIP TA' TRASPORT EŻENTI MINN KULL SISTEMA TA' LIĊENZJI U MINN KULL AWTORIZZAZZJONI**

1. It-trasport tal-posta li jsir fil-kuntest ta' servizz universali.

2. It-trasport ta' vetturi li jkunu ġarrbu ħsarat jew li m'għadhomx jaħdmu.

3. It-trasport ta' merkanzija f'vetturi bil-magna li l-massa mgħobbija permessa li tinġarr, inkluża dik tal-karrijiet, ma taqbiżx it-3,5 tunnellati metriċi.

4. It-trasport ta' merkanzija fuq vetturi bil-mutur sakemm jibqgħu jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-merkanzija li tinġarr tkun il-proprjetà tal-impriża jew kienet mibjugħa, mixtrija, mikrija lil jew mikrija minn, prodotta, estratta, ipproċessata jew imsewwija mill-impriża;

   (b) l-għan tal-vjaġġ għandu jkun il-ġarr tal-merkanzija lejn jew mill-impriża jew biex jiġu mċaqalqa, kemm jekk ġewwa l-impriża kif ukoll 'il barra minnha, għall-ħtiġijiet tagħha;

   (c) vetturi bil-magna użati għat-tali trasport iridu jsuquhom l-impjegati tal-impriża jew għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha fuq obbligu kuntrattwali;

   (d) il-vetturi li jġorru l-merkanzija jridu jkunu tal-impriża jew inxtraw minnha b'kondizzjonijiet differiti jew mikrija sakemm, fil-każ tal-aħħar, iħarsu l-kondizzjonijiet tad-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

   Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-użu ta' vettura li tintuża minflok vettura oħra li normalment tintuża u li għal żmien qasir tkun bil-ħsara;

   (e) it-trasport ma jridx ikun aktar milli anċillari għall-attivitajiet ġenerali tal-impriża.

5. It-trasport ta' prodotti mediċinali, apparat, tagħmir u artikoli oħra li huma meħtieġa għall-kura medika f'każijiet ta' emerġenza, partikolarment fil-każi ta' diżastri naturali.

---

([1]) Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

▼B

*ANNESS 5*

## LISTA TAD-DISPOSIZZJONIJIET LI JINSABU FIL-FTEHIM BILATERALI TAT-TRASPORT BIT-TRIQ KONKLUŻI MILL-ISVIZZERA MA' L-ISTATI MEMBRI DIFFERENTI TAL-KOMUNITÀ RIGWARD IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA FI TRAFFIKU TRIANGOLARI

| Pajjiż | (data) ta' meta kien ġie iffirmat il-Ftehim | Dħul fis-seħħ | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| Ġermanja | tas-17.12.1953 | ta' l-1.2.1954 | Artikolu 7<br><br>Permezz tal-liġi nazzjonali, traffiku triangolari bħala tali huwa permissibbli; traffiku ieħor l-hekk imsejjaħ triangolari huwa ipprojbit |
| Awstria | tat-22.10.1958 | ta' l-4.4.1959 | Artikolu 8<br><br>Burdnara intitolati li jaffetwaw il-karreġġjata ta' l-oġġetti huma awtorizzati li jġorru, fil-vetturi irreġistrati f'wieħed mill-Istati Kontraenti<br><br>(a) oġġetti ntiżi lejn jew ġejjin minn wieħed mill-Istati |
| Belġju | tal-25.2.1975 | ta' l-24.7.1975 | Artikolu 4(1)(b)<br><br>Traffiku triangolari bħala tali huwa permissibbli; traffiku ieħor l-hekk imsejjaħ triangolari huwa ipprojbit |
| Danimarka | tas-27.8.1981 | tal-25.3.1982 | Artikolu 4(2)<br><br>Karreġġjata minn pajjiż terz lejn il-Parti Kontraenti l-oħra jew mill-Parti Kontraenti l-oħra lejn pajjiż terz hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni maħruġa fuq il-bażi ta' każ b'każ mill-Parti Kontraenti l-oħra |
| Spanja | tat-23.1.1963 | tal-21.8.1963 | Protokoll tad-29 ta' Ottubru 1971:<br><br>Traffiku triangolari bħala tali huwa permissibbli; traffiku ieħor l-hekk imsejjaħ triangolari huwa ipprojbit |
| Finlandja | tas-16.1.1980 | tat-28.5.1981 | L-Artikolu 6(2) u l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt Svizzera-Finlandja tat-23 u l-24 ta' Mejju 1989, il-punt 2.2: traffiku triangolari bħala tali huwa permissibbli; traffiku ieħor l-hekk imsejjaħ triangolari huwa permissibbli suġġett għall-awtorizzazzjoni |
| Franza | ta' l-20.11.1951 | ta' l-1.4.1952 | Permezz tal-liġi nazzjonali:<br><br>**Il-burdnara Svizzeri:** it-tipi kollha tat-traffiku triangolari huwa ipprojbit ġewwa Franza:<br><br>**Il-burdnara Franċiżi:** it-tipi kollha tat-traffiku triangolari huwa permissibbli ġewwa l-Isvizzera |
| Greċja | tat-8.8.1970 | tas-6.9.1971 | L-Artikolu 3 u l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt Svizzera-Greċja tal-11 u t-13 ta' Diċembru 1972: it-tipi kollha tat-traffiku triangolari bħala tali huwa permissibbli (permezz ta' kwoti speċjali ta' l-awtorizzazzjoni). |
| Italja | – | – | Il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt Svizzera-Italja tal-14 ta' Ġunju 1993;<br><br>**Il-burdnara Svizzeri:** awtorizzazzjoni tal-kwota għal traffiku hekk imsejjaħ triangolari huwa ipprojbit;<br><br>**Il-burdnara Taljani:** traffiku triangolari bħala tali huwa permissibbli mingħajr awtorizzazzjoni; awtorizzazzjonijiet tal-kwota għat-traffiku l-ieħor hekk imsejjaħ triangolari |

▼B

| Pajjiż | (data) ta' meta kien ġie iffirmat il-Ftehim | Dħul fis-seħħ | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| Irlanda | – | – | Permezz tal-liġi nazzjonali:<br>**Il-burdnara Svizzeri:** it-tipi kollha tat-traffiku triangolari huwa ipprojbit apparti milli meta l-awtorizzazzjoni tkun maħruġa mill-awtoritajiet Irlandiżi<br>**Il-burdnara Irlandiżi:** it-tipi kollha tat-traffiku triangolari huwa permissibbli b'relazzjoni ma l-Isvizzera |
| Lussemburgu | tas-17.5.1972 | ta' l-1.6.1972 | Il-ftehim japplika biss għall-karreġġjata ta' passiġġieri. L-ebda arranġament ma kien miftiehem rigward il-karreġġjata ta' oġġetti. Traffiku triangolari huwa permissibbli permezz tal-liġi nazzjonali (L-applikazzjoni tal-prinċipju tar-reċiproċità). It-tipi kollha tat-traffiku triangolari huma permissibbli. |
| Olanda | ta' l-20.5.1952 | tal-15.6.1952 | Il-ftehim japplika biss għall-karreġġjata ta' passiġġieri. L-ebda arranġament ma kien miftiehem rigward il-karreġġjata ta' oġġetti. Traffiku triangolari huwa permissibbli permezz tal-liġi nazzjonali (L-applikazzjoni tal-prinċipju tar-reċiproċità). It-tipi kollha tat-traffiku triangolari huma permissibbli. |
| Portugall | tat-28.6.1973 | ta' l-1.1.1974 | It-tipi kollha tat-traffiku triangolari: deroga permezz tad-deċiżjoni meħudha mill-Kumitat Konġunt Svizzera-Portugall fis-6 ta' Ġunju 1996/ |
| Renju Unit | ta' l-20.12.1974 | tal-21.11.1975 | L-Artikolu 3(b)<br>Traffiku triangolari bħala tali huwa permissibbli. It-traffiku l-ieħor hekk imsejjaħ triangolari huwa ipprojbit. |
| Svezja | tat-12.12.1973 | tat-22.4.1974 | L-Artikolu 4(1) u (2)<br>Traffiku triangolari permissibbli permezz ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' kwota speċjail. |

Traffiku triangolari bħal: meta l-vettura, li tgħaddi mir-rotta normali, tgħaddi mill-pajjiż li hija rreġistrata fih, eż. meta vettura rreġistrata fl-Isvizzera ġġorr merkanzija mill-Ġermanja għall-Italja permezz ta' l-Isvizzera.

Traffiku ieħor hekk imsejjaħ triangolari: meta l-vettura ma tgħaddix mill-pajjiż li hija rreġistrata fih, eż. meta vettura rreġistrata fl-Isvizzera ġġorr merkanzija mill-Ġermanja għall-Italja permezz ta' l-Awstrija.

▼B

*ANNESS 6*

## EŻENZJONIJIET MIL-LIMITU TAT-TOQOL U MILL-PROJBIZZJONI TAS-SEWQAN BIL-LEJL U NHAR TA' ĦADD

I. **Eżenzjonijiet mill-limitu tat-toqol matul il-perjodu li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2004**

Għall-vjaġġi li joriġinaw barra u jispiċċaw fiż-żona tal-fruntiera Svizzera ([1]), (u viċe versa), eżenzjonijiet huma permessi mingħajr ħlas għal kull merkanzija sa total ta' 40 tunnellata metrika u għall-kontenituri ta' 40 pied ta' l-ISO fi trasport konġunt sa total ta' 44 tunnellata metrika. Għal raġunijiet ta' disinn tat-toroq, ċerti postijiet tad-dwana japplikaw limiti aktar baxxi.

II. **Eżenzjonijiet oħra mil-limitu tat-toqol**

Għall-vjaġġi li joriġinaw barra u jispiċċaw barra miż-żona tal-fruntiera Svizzera ([1]), (u viċe versa), u li jgħaddu mill-Isvizzera, toqol attwali totali mgħobbi aktar mill-ogħla toqol permess fl-Isvizzera jista' jkun awtorizzat għat-tipi tat-trasport mhux riferuti fl-Artikolu 8:

(a) għat-trasport tal-merkanzija li ma tistax tinqasam, fil-każijiet fejn il-ftehim ma jistgħux ikunu obduti minkejja l-użu ta' vettura xierqa;

(b) għat-trasferimenti jew għall-użu ta' vetturi speċjali, l-aktar tal-vetturi tal-ħidma li, minħabba l-iskop li jintużaw għalih, m'humiex kompatibbli mad-disposizzjonijiet dwar toqol;

(ċ) għat-trasport f'emerġenza ta' vetturi bil-ħsara jew li waqfu;

(d) għat-trasport ta' provvista ta' l-ikel għall-inġenji ta' l-ajru;

(e) ġarr bit-triq matul l-istadji inizjali u finali tat-trasport konġunt, normalment f'raġġ ta' 30km mit-terminal.

III. **Eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tas-sewqan bil-lejl u nhar ta' Ħadd**

L-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tas-sewqan bil-lejl u nhar ta' Ħadd li ġejjin huma ppjanati:

(a) *mingħajr permess speċjali*

— vjaġġi li jsiru biex jipprovdu għajnuna ta' emerġenza f'każ ta' disastri,

— vjaġġi li jsiru biex jipprovdu għajnuna ta' emerġenza f'każ ta' aċċidenti, l-aktar f'aċċidenti tat-trasport pubbliku u tat-traffiku ta' l-ajru

(b) *bil-permess speċjali*

Għat-trasport ta' merkanzija li, minħabba n-natura tagħhom, jiġġustifikaw ġarr matul il-lejl u għal raġunijiet ġenwini, ġarr nhar ta' Ħadd:

— prodotti agrikoli li jeħżienu (bħal tut, frott u ħaxix, pjanti (inklużi fjuri maqtugħin) jew meraq magħsur frisk), matul is-sena,

— ħnieżer u tiġieġ għall-qatla,

([1]) Iż-żona tal-fruntiera ta' l-Isvizzera hija definita f'Anness 4 tal-minuti tal-ħames laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' l-1992, li nżammet fi Brussel fit-2 ta' April 1998. Ġeneralment hija żona f'raġġ ta' 10 kilometri minn post tad-dwana.

▼B

— ħalib frisk u prodotti tal-ħalib li jeħżienu,

— tagħmir tal-kummiedja, strumenti tal-mużika ta' xi orkestra, armar tat-teatru, eċċ.,

— gazzetti ta' kuljum inkluż komponent editorjali, u kunsinni postali ttrasportati taħt ħtieġa ta' servizz legali.

Biex il-proċeduri ta' l-approvazzjoni ikunu eħfef, awtorizzazzjonijiet validi sa 12-il xahar għal kull numru ta' vjaġġi jistgħu jinħarġu, sakemm il-vjaġġi kollha huma ta' l-istess natura.

▼M5

*ANNESS 7*

## TRASPORT INTERNAZZJONALI TAL-PASSIĠĠIERI BIL-KOWĊ U BIX-XARABANK

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. Servizzi regolari

1.1. Is-servizzi regolari huma servizzi li jipprovdu għat-trasport tal-passiġġieri f'intervalli speċifikati tul rotot speċifikati, il-passiġġieri jinġabru u jitniżżlu f'punti ta' waqfien stabbiliti minn qabel. Is-servizzi regolari jkunu miftuħin għal kulħadd, soġġetti, meta jkun il-każ, għal prenotazzjoni ta' bilfors.

In-natura regolari tas-servizz mhix affettwata minn xi aġġustament fil-kondizzjonijiet operattivi tas-servizz.

1.2. Is-servizzi, organizzati minn min ikun, li jipprovdu għat-trasport ta' kategoriji speċifiċi tal-passiġġieri għall-esklużjoni ta' passiġġieri oħra, sakemm it-tali servizzi jitħaddmu taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fil-punt 1.1, jitqiesu li huma servizzi regolari. Dawn is-servizzi jissejħu "servizzi regolari speċjalizzati".

Is-servizzi regolari speċjalizzati għandhom jinkludu:

(a) it-trasport ta' ħaddiema "mid-dar għax-xogħol";

(b) it-trasport lejn u mill-istituzzjoni edukazzjonali għat-tfal tal-iskola u l-istudenti;

Il-karattru regolari tas-servizzi speċjalizzati mhuwiex affettwat mill-fatt li l-organizzazzjoni tat-trasport hija adattata għall-ħtiġijet varji tal-utenti.

1.3. L-organizzazzjoni tas-servizzi parallelli jew temporanji, li jaqdu lill-istess pubbliku bħas-servizzi regolari eżistenti, in-nuqqas ta' servizz ta' ċerti waqfiet jew il-qadi ta' waqfiet addizzjonali minn servizzi regolari eżistenti huma rregolati mill-istess regoli bħas-servizzi regolari eżistenti.

2. Servizzi okkażjonali

2.1. Is-servizzi okkażjonali huma servizzi li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' servizzi regolari, inklużi servizzi regolari speċjali, u li huma kkaratterizzati fuq kollox mill-fatt li huma jġorru gruppi ta' passiġġieri miġbura fuq inizjattiva tal-klijent jew mit-trasportatur innifsu.

L-organizzazzjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji komparabbli mas-servizzi regoli eżistenti u li jaqdu l-istess pubbliku bħal din tal-aħħar għandhom ikunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni skont il-proċedura mniżżla fit-taqsima I.

2.2. Is-servizzi msemmija fil-punt 2 ma jiqfux ikunu servizzi okkażjonali biss għax huma pprovduti f'ċerti intervalli.

2.3. Is-servizzi okkażjonali jistgħu jiġu operati minn grupp ta' trasportaturi li jaġixxu f'isem l-istess klijent.

L-ismijiet tat-tali trasportaturi u, fejn ikun il-każ, il-punti ta' konnessjoni fit-triq għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati tal-Unjoni Ewropea u tal-Iżvizzera, skont il-proċeduri li għandhom ikunu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

3. Trasport akkont proprju

It-trasport akkont proprju huwa dak it-trasport li jsir għal skopijiet mhux bil-qligħ u mhux kummerċjali minn persuna naturali jew legali, sakemm:

— l-attività tat-trasport tkun biss attività anċillari għal dik il-persuna naturali jew legali,

▼M5

— il-vetturi użati jkunu l-proprjetà ta' dik il-persuna fiżika jew ġuridika jew ikunu ġew akkwistati minn dik il-persuna b'xiri fit-tul jew ikunu soġġetti għal kuntratt ta' kiri fit-tul u jkunu misjuqa minn membru tal-persunal tal-persuna fiżika jew ġuridika jew mill-persuna fiżika nnifisha, jew minn persunal impjegat minn, jew imqiegħed għad-dispożizzjoni, tal-impriża taħt obbligu kuntrattwali.

Taqsima I

SERVIZZI REGOLARI SUĠĠETTI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI

*Artikolu 2*

**Tip ta' awtorizzazzjoni:**

1. L-awtorizzazzjoni hija stabbilita f'isem it-trasportatur; din ma tistax tiġi ttrasferita mingħand dan tal-aħħar lil partijiet terzi. Madanakollu, it-trasportatur li jkun irċieva l-awtorizzazzjoni jista', bil-kunsens tal-awtorità msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan l-Anness, jopera s-servizz permezz ta' subkuntrattur. F'dan il-każ, l-isem tal-impriża tal-aħħar u l-irwol tagħha bħala subkuntrattur għandhom ikunu indikati fl-awtorizzazzjoni. Is-subkuntrattur irid jaderixxi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 tal-Ftehim.

Fil-każ tal-impriżi assoċjati bil-għan li joperaw servizz regolari, l-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ fl-ismijiet tal-impriżi kollha. Għandha tingħata lill-impriża li tamministra l-operazzjoni u kopji jingħataw lill-oħrajn. L-awtorizzazzjoni għandha tagħti l-ismijiet tal-operaturi kollha.

2. Il-perjodu massimu tal-validità tal-awtorizzazzjoni huwa ta' ħames snin.

3. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika:

(a) in-natura tas-servizz:

(b) ir-rotta tas-servizz, b'mod partikolari l-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla;

(c) il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni;

(d) il-waqfiet u l-iskeda tal-ħinijiet.

4. L-awtorizzazzjoni għandha tkun konformi mal-mudell ippreżentat fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 361/2014 ([1]).

5. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jintitolaw lid-detenturi tagħhom biex joperaw servizzi regolari fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti.

6. L-operatur tas-servizz regolari jista' juża vetturi addizzjonali biex ilaħħaq ma' sitwazzjonijiet temporanji u eċċezzjonali.

F'dan il-każ, it-trasportatur irid jiżgura li d-dokumenti li ġejjin ikunu fil-vettura:

— kopja tal-awtorizzazzjoni tas-servizz regolari,

— kopja tal-kuntratt ta' bejn l-operatur tas-servizz regolari u d-ditta li tipprovdi l-vetturi addizzjonali, jew dokument ekwivalenti,

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 361/2014 tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 (ĠU L 107, 10.4.2014, p. 39).

▼M5

— kopja ċċertifikata tal-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea, jew liċenzja simili Żvizzera fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri, maħruġa lill-operatur li jipprovdi l-vetturi addizzjonali għas-servizz regolari.

*Artikolu 3*

**Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni**

1. Is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni minn operaturi tal-Unjoni Ewropea għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni mill-operaturi Żvizzeri għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3 tad-Digriet tal-4 ta' Novembru 2009 dwar it-trasport tal-vjaġġaturi (OTV) ([2]). Fil-każ ta' servizzi eżenti mill-awtorizzazzjoni fl-Iżvizzera iżda soġġetti għall-awtorizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea, l-operaturi Żvizzeri li japplikaw għal awtorizzazzjoni għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri jekk il-post tat-tluq tat-tali servizzi qiegħed fl-Iżvizzera.

2. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mal-mudell ippreżentat fir-Regolament (UE) Nru 361/2014.

3. L-applikant għandu jipprovdi, flimkien mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, kull informazzjoni addizzjonali li huwa jqis utli jew li titlob l-awtorità li toħroġ l-awtorizzazzjoni, u b'mod partikolari skeda tas-sewqan li tippermetti l-kontroll tar-rispett tar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ kif ukoll kopja tal-liċenzja Komunitarja għat-trasport internazzjonali ta' vjaġġaturi bit-triq f'isem ħaddieħor fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew ta' liċenzja simili Żvizzera fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri maħruġa lill-operatur tas-servizz regolari.

*Artikolu 4*

**Proċedura ta' awtorizzazzjoni**

1. L-awtorizzazzjonijiet jinħarġu bi ftehim mal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti li l-passiġġieri jittellgħu jew jitniżżlu fit-territorju tagħhom. L-awtorità awtorizzanti għandha tibgħat lil dawn l-awtoritajiet, kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li t-territorji tagħhom jiġu traversati mingħajr ma l-passiġġieri jitrikkbu jew jitniżżlu, kopja tal-applikazzjoni, flimkien ma' kopji ta' xi dokumenti relevanti oħra, u l-valutazzjoni tagħha.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Iżvizzera u tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jkun intalab il-ftehim tagħhom għandhom javżaw lill-awtorità tal-ħruġ bid-deċiżjoni tagħhom fi żmien xahrejn. Dan il-limitu ta' żmien għandu jinħadem mid-data tal-irċevuta tat-talba għal ftehim li tintwera fir-rikonoxximent tal-irċevuta. Jekk, matul dan il-perjodu, l-awtorità tal-ħruġ ma tirċevix risposta, l-awtoritajiet ikkonsultati jitqiesu li taw il-ftehim tagħhom, u l-awtorità tal-ħruġ toħroġ l-awtorizzazzjoni. Jekk id-deċiżjoni riċevuta mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-partijiet kontraenti li mingħandhom ikun intalab il-ftehim, tkun negattiva, din għandha tkun motivata kif xieraq.

3. Bla ħsara għall-paragrafi 7 u 8, l-awtorità tal-ħruġ għandha tieħu deċiżjoni fi żmien erba' xhur mid-data li fiha t-trasportatur jissottometti l-applikazzjoni.

---

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

([2]) RS/SR/745.11.

▼M5

4. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata sakemm:

(a) l-applikant mhux kapaċi jipprovdi s-servizz li huwa s-suġġett tal-applikazzjoni bl-apparat direttament għad-disposizzjoni tiegħu;

(b) fil-passat, l-applikant naqas milli jħares il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew internazzjonali dwar it-trasport tat-triq, u b'mod partikolari l-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-awtorizzazzjonijiet għas-servizzi ta' trasport internazzjonali tal-passiġġieri bit-triq, jew wettaq ksur serju fil-leġislazzjoni dwar it-trasport fit-triq, b'mod partikolari r-regoli applikabbli għall-vetturi u s-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ tax-xufiera;

(c) fil-każ ta' applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni, il-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ma tħarsux;

(d) l-awtorità kompetenti ta' parti kontraenti ma tiddeċidix, fuq il-bażi ta' analiżi dettaljata, li s-servizz ikkonċernat jaffettwa b'mod serju l-vijabbiltà ta' servizz simili kopert minn kuntratt jew minn diversi kuntratti ta' servizz pubbliku fuq is-sezzjonijiet diretti kkonċernati, skont il-liġi fis-seħħ tal-parti kontraenti. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi kriterji nondiskriminatorji li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk is-servizz offrut fl-applikazzjoni jaffettwax b'mod serju l-vijabbiltà tas-servizz simili msemmi hawn fuq u tikkomunikahom lill-Kumitat Konġunt fuq talba ta' dan tal-aħħar.

(e) l-awtorità kompetenti ta' parti kontraenti ma tiddeċidix, fuq il-bażi ta' analiżi dettaljata, li l-għan prinċipali tas-servizz mhuwiex it-trasport tal-vjaġġaturi bejn postijiet ta' waqfa li jinsabu fil-partijiet kontraenti.

F'każ li servizz internazzjonali eżistenti ta' trasport bil-kowċis u bix-xarabank jaffettwa b'mod serju l-vijabbiltà ta' servizz simili kopert minn kuntratt jew minn diversi kuntratti ta' servizz pubbliku fuq is-sezzjonijiet diretti kkonċernati, skont il-liġi fis-seħħ tal-parti kontraenti wara ċirkostanzi eċċezzjonali imprevedibbli meta ngħatat l-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti ta' parti kontraenti tista', bil-qbil tal-Kumitat Konġunt, tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni taloperat tas-servizz internazzjonali bil-kowċis u bix-xarabank wara li tkun tat avviż minn sitt xhur qabel lit-trasportatur.

Il-fatt li trasportatur joffri prezzijiet orħos minn dawk offruti minn trasportaturi oħrajn fuq it-toroq jew il-fatt li r-rotta f'dak il-każ tkun diġà mħaddma minn trasportaturi oħra tat-toroq ma tistax minnha nnifisha tikkostitwixxi ġustifikazzjoni biex tiġi miċħuda l-applikazzjoni.

5. L-awtorità li tagħti awtorizzazzjoni tista' tirrifjuta applikazzjonijiet biss abbażi ta' raġunijiet kompatibbli ma' dan il-Ftehim.

6. Jekk il-proċedura ta' formazzjoni tal-ftehim imsemmija fl-ewwel paragrafu ma tirnexxix, tista' ssir referenza lill-Kumitat Konġunt.

7. Il-Kumitat Konġunt għandu, malajr kemm jista' jkun, jieħu deċiżjoni li tidħol fis-seħħ fi żmien 30 ġurnata min-notifika tagħha lill-Iżvizzera u lill-Istati Membri kkonċernati tal-Unjoni Ewropea.

8. Hekk kif il-proċedura mniżżla f'dan l-Artikolu titlesta, l-awtorità tal-ħruġ għandha tavża l-awtoritajiet kollha msemmija fil-paragrafu 1 u għandha, fejn ikun il-każ, tibagħtilhom kopja tal-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 5*

**Ħruġ u tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet**

1. Hekk kif titlesta l-proċedura mniżżla fl-Artikolu 4, l-awtorità tal-ħruġ għandha tagħti l-awtorizzazzjoni jew tirrifjuta l-applikazzjoni b'mod formali.

▼M5

2. Jekk tittieħed deċiżjoni li ma taċċettax applikazzjoni iridu jingħataw ir-raġunijiet għal dak ir-rifjut. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li t-trasportaturi jkollhom l-opportunità li jużaw id-drittijiet tagħhom jekk l-applikazzjoni tagħhom tkun rifjutata.

3. L-Artikolu 4 ta' dan l-Anness għandu jgħodd, *mutatis mutandis*, għall-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet jew għall-bidliet tal-kondizzjonijiet li s-servizzi suġġetti għall-awtorizzazzjoni jridu jkunu operati skonthom.

Fil-każ ta' bidla żgħira fil-kondizzjonijiet tal-operazzjoni, b'mod partikolari, l-aġġustament tan-nollijiet jew tal-iskeda, l-awtorità tal-ħruġ għandha tipprovdi biss l-informazzjoni dwar il-bidla kkonċernata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra.

*Artikolu 6*

**Skadenza tal-awtorizzazzjoni**

Il-proċedura li għandha tiġi segwita dwar l-iskadenza ta' awtorizzazzjoni għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1073/2009 u tal-Artikolu 46 tal-OTV.

*Artikolu 7*

**Obbligi tat-trasportaturi**

1. Għajr f'każ ta' forza maġġuri, l-operatur tas-servizz regolari għandu, sakemm tiskadi l-awtorizzazzjoni, jieħu l-miżuri kollha biex jiggarantixxi servizz tat-trasport li jimxi skont l-istandards tal-kontinwità, regolarità, u l-kapaċità u jħares il-kondizzjonijiet l-oħra mniżżla mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 2(3) ta' dan l-Anness.

2. It-trasportatur għandu jippubblika r-rotta tas-servizz, il-waqfiet, l-iskeda, in-nollijiet, u l-kondizzjonijiet l-oħrajn tal-operat, b'tali mod li jiżgura li dan it-tagħrif ikun disponibbli mill-ewwel lill-utenti kollha.

3. Ikun possibbli għall-Iżvizzera u għall-Istati Membri kkonċernati tal-Unjoni Ewropea, bil-ftehim komuni u bil-ftehim mad-detentur tal-awtorizzazzjoni, li jsiru bidliet fil-kondizzjonijiet tal-operazzjoni li jirregolaw is-servizz regolari.

Taqsima II

SERVIZZI OKKAŻJONALI U SERVIZZI OĦRAJN EŻENTI MILL-AWTORIZZAZZJONI

*Artikolu 8*

**Dokument ta' kontroll**

1. Is-servizzi riferuti fl-Artikolu 18(1) tal-Ftehim għandhom isiru taħt il-kopertura ta' dokument ta' kontroll (il-formula tal-vjaġġ).

2. It-trasportatur li jopera servizzi okkażjonali jrid jimla l-formula tal-vjaġġ qabel kull vjaġġ.

3. Il-kotba tal-formuli tal-vjaġġ għandhom ikunu pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Iżvizzera jew tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn it-trasportatur huwa stabbilit jew mill-korpi maħtura minn dawk l-awtoritajiet.

▼M5

4. Il-mudell tad-dokument ta' kontroll u l-mod kif għandu jintuża għandhom ikunu kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 361/2014.

5. Fil-każ tas-servizzi koperti mill-Artikolu 18(2) tal-Ftehim, il-kuntratt jew il-kopja awtentikata vera tiegħu għandhom iservu bħala dokument ta' kontroll.

*Artikolu 9*

**Ċertifikazzjoni**

Iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 18(6) tal-Ftehim għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Iżvizzera jew tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn il-vettura tkun irreġistrata.

Iċ-ċertifikat għandu jkun konformi mal-mudell ippreżentat fir-Regolament (UE) Nru 361/2014.

Taqsima III

IL-VERIFIKI U S-SANZJONIJIET

*Artikolu 10*

**Biljetti tat-trasport**

1. It-trasportaturi li joperaw servizz regolari, esklużi s-servizzi regolari speċjalizzati, għandhom jagħtu biljett tat-trasport, jew individwalment jew kollettivament, li juri:

— il-postijiet tat-tluq u d-destinazzjoni u, fejn ikun il-każ, il-vjaġġ lura,

— il-perjodu ta' validità tal-biljett,

— il-prezz tat-trasport.

2. Il-biljett tat-trasport ipprovdut fil-paragrafu 1 għandu jkun ippreżentat meta mitlub minn kull uffiċjal awtorizzat tal-ispezzjoni.

*Artikolu 11*

**Spezzjonijiet matul it-triq u fl-impriżi**

1. Fil-każ tal-operazzjonijiet tat-trasport f'isem ħaddieħor, il-kopja awtentikata tal-liċenzja Komunitarja għat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropew jew ta' liċenzja simili Żvizzera fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri, kif ukoll, skont it-tip ta' servizz, l-awtorizzazzjoni (jew kopja awtentika tagħha) jew id-dokument tal-vjaġġ, għandhom jinġarru abbord il-vettura u jkunu ppreżentati fuq it-talba ta' kull uffiċjal awtorizzat tal-ispezzjoni.

Fil-każ tal-operazzjonijiet tat-trasport tagħhom stess, iċ-ċertifikat (jew kopja awtentikata tiegħu) iridu jinġarru abbord il-vettura u jridu jkunu ppreżentati fuq it-talba ta' kull uffiċjal awtorizzat tal-ispezzjoni.

2. It-trasportaturi li joperaw il-kowċis u x-xarabanks fit-trasport internazzjonali tal-passiġġieri għandhom jippermettu l-ispezzjonijiet kollha maħsuba biex jiżguraw li l-operazzjonijiet jitwettqu sew, b'mod partikolari dwar is-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ.

*Artikolu 12*

**Għajnuna reċiproka u sanzjonijiet**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti għandhom joffru għajnuna lil xulxin sabiex jassiguraw l-applikazzjoni u l-kontroll tad-dispożizzjonijiet previsti f'dan l-Anness. Huma għandhom jiskambjaw informazzjoni permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali stabbiliti skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009 p. 51.

▼M5

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn it-trasportatur huwa stabbilit, għandhom jirtiraw il-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew il-liċenzja Żvizzera simili fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri jekk id-detentur:

(a) ma jibqax iħares il-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 17(1) tal-Ftehim; jew jew

(b) jkun ipprovda tagħrif mhux eżatt dwar l-informazzjoni meħtieġa biex tinħareġ il-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew il-liċenzja Żvizzera simili fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri.

3. L-awtorità tal-ħruġ għandha tirtira l-awtorizzazzjoni jekk id-detentur ma jibqax iħares il-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' dik l-awtorizzazzjoni taħt dan il-Ftehim, b'mod partikolari jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti fejn it-trasportatur huwa stabbilit jitolbu dan l-irtirar. L-awtorità tal-ħruġ għandha tavża minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra.

4. F'każ ta' ksur gravi tar-regolamenti dwar it-trasport jew dwar is-sigurtà fit-triq, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-istandards applikabbli għall-vetturi, il-ħinijiet tas-sewqan u ta' mistrieħ tax-xufiera u t-twettiq mingħajr awtorizzazzjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji msemmija fil-punt 2.1 tal-Artikolu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn huwa stabbilit it-trasportatur li wettaq il-ksur jistgħu jirtiraw il-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew il-liċenzja Żvizzera simili fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri jew jirtiraw temporanjament u/jew parzjalment il-kopji awtentikati tal-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew il-liċenzja Żvizzera simili fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri.

Dawn is-sanzjonijiet għandhom jiġu ddeterminati skont is-serjetà tal-ksur li jkun wettaq id-detentur tal-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew il-liċenzja Żvizzera simili fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri u skont l-għadd totali ta' kopji awtentikati tal-liċenzja li għandu għat-traffiku internazzjonali.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn it-trasportatur huwa stabbilit għandhom jindikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha sar il-ksur, jekk is-sanzjonijiet previsti hawn fuq ġewx imposti jew le, fl-iqsar żmien possibbli u sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-deċiżjoni definittiva meħuda dwar il-kwistjoni. Jekk dawn is-sanzjonijiet ma ġewx imposti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn it-trasportatur huwa stabbilit għandhom jagħtu r-raġunijiet għal dan.

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti Kontraenti jkunu jafu dwar xi ksur serju ta' dan l-Anness jew tal-liġi dwar it-trasport bit-triq attribwibbli lil xi trasportatur mhux residenti, il-Parti Kontraenti li fit-territorju tagħha sar il-ksur għandha tibgħat l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn huwa stabbilit it-trasportatur, fl-iqsar żmien possibbli u sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-deċiżjoni definittiva tagħhom:

(a) deskrizzjoni tal-ksur kif ukoll id-data u l-ħin tiegħu;

(b) il-kategorija, it-tip u s-serjetà tal-ksur; kif ukoll

(c) is-sanzjonijiet imposti u s-sanzjonijiet imwettqa.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti ospitanti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti fejn huwa stabbilit it-trasportatur li jimponu sanzjonijiet amministrattivi skont il-paragrafu 4.

6. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li t-trasportaturi jkollhom id-dritt jappellaw kontra kull sanzjoni amministrattiva imposta fuqhom skont dan l-Artikolu.

▼M5

*Artikolu 13*

**Reġistrazzjonijiet fir-reġistri elettroniċi nazzjonali**

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li r-reati serji kontra l-liġi fil-qasam tat-trasport bit-triq li huma attribwibbli lil trasportaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom u li wasslu għal xi sanzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Iżvizzera, kif ukoll l-irtirar temporanju jew definittiv tal-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew tal-liċenzja Żvizzera simili fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri jew tal-kopja awtentikata tal-liċenzja tal-Komunità jew tal-liċenzja Żvizzera simili għandhom jitniżżlu fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-kumpaniji tat-trasport bit-triq. Ir-reġistrazzjonijiet fir-reġistru li jirrigwardaw l-irtirar temporanju jew definittiv tal-liċenzja tal-Komunità fil-każ tat-trasportaturi tal-Unjoni Ewropea jew tal-liċenzja Żvizzera simili fil-każ tat-trasportaturi Żvizzeri għandhom jinżammu fil-bażi tad-data għal mill-inqas sentejn mid-data ta' skadenza tal-irtirar fil-każ ta' rtirar temporanju, jew mid-data tal-irtirar fil-każ ta' rtirar definittiv.

▼B

*ANNESS 8*

**LISTA TAD-DISPOSIZZJONIJIET LI JINSABU FIL-FTEHIM BILATERALI TAT-TRASPORT BIT-TRIQ KONKLUŻI MILL-ISVIZZERA MA' L-ISTATI MEMBRI DIFFERENTI TAL-KOMUNITÀ RIGWARD L-GĦOTI TA' AWTORIZZAZZJONIJIET GĦAT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI FI TRAFFIKU TRIANGOLARI**

| Pajjiż | (data) ta' meta kien ġie iffirmat il-Ftehim | Dħul fis-seħħ | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| Ġermanja | 17.12.1953 | 1.2.1954 | L-Artikoli 4 u 5<br>— bi qbil mal-liġi nazzjonali<br>— tirrispetta l-prinċipju tar-reċiproċità |
| Awstria | 22.10.1958 | 4.4.1959 | Artikolu 6<br>— bi qbil mal-liġi nazzjonali<br>— tirrispetta l-prinċipju tar-reċiproċità |
| Belġju | 25.2.1975 | 24.7.1975 | Artikolu 3<br>— bi qbil mal-liġi nazzjonali |
| Danimarka | 27.8.1981 | 25.3.1982 | L-Artikolu 3 u 5<br>— bi qbil mal-liġi nazzjonali |
| Spanja | 23.1.1963 | 21.8.1963 | L-Artikoli 2 u 3<br>— awtorizzazzjoni espressa tal-Parti Kontraenti l-oħra<br>— bi ftehim reċiproku (reċiproċità) |
| Finlandja | 16.1.1980 | 28.5.1981 | Artikolu 3<br>— bi qbil mal-liġi nazzjonali |
| Franza | 20.11.1951 | 1.4.1952 | Il-Kapitolu II<br>— bi ftehim reċiproku<br>— rispettar tal-prinċipju ta' reċiproċità |
| Greċja | 8.8.1970 | 6.9.1971 | Artikolu 2<br>— bi ftehim reċiproku (reċiproċità) |
| Italja | – | – | Bi qbil mal-liġi nazzjonali (l-ebda ftehim bilaterali) |
| Irlanda | – | – | Bi qbil mal-liġi nazzjonali (l-ebda ftehim bilaterali) |
| Lusemburgu | 17.5.1972 | 1.6.1972 | Artikolu 3<br>Bi qbil mal-liġi nazzjonali |
| Olanda | 20.5.1952 | 15.6.1952 | Paragrafu 2(2)<br>Bi qbil mal-liġi nazzjonali |
| Portugall | 28.6.1973 | 1.1.1974 | Protokoll tal-ftehim, sezzjonijiet 5 u 6<br>— ftehim reċiproku<br>— reċiproċità |
| Renju Unit | 20.12.1974 | 21.11.1975 | Bi qbil mal-liġi nazzjonali (il-ftehim jirrigwarda biss il-karreġġjata ta' oġġetti) |
| Svezja | 12.12.1973 | 22.4.1974 | Artikolu 3<br>Bi qbil mal-liġi nazzjonali |

▼B

*ANNESS 9*

## IL-KWALITÀ TAS-SERVIZZI TAT-TRASPORT BIL-LINJI TAL-FERROVIJI U TAT-TRASPORT KONĠUNT

Jekk l-Isvizzera tixtieq tieħu l-miżuri tas-salvagwardji riferuti fl-Artikolu 46 tal-Ftehim, kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu.

1. Il-prezz medju tat-trasport tal-linji tal-ferroviji u tat-trasport konġunt mill-Isvizzera ma jridx ikun ogħla mill-ispiża għal vettura ta' toqol massimu awtorizzat ta' 40 t li tivvjaġġa distanza ta' 300km tul l-Alpi. B'mod partikolari, il-prezz medju mħallas għat-trasport konġunt akkumpanjat ("trakk fuq ferrovija") ma jridx jaqbeż l-ispejjeż tat-trasport bit-triq (piżijiet tat-triq u spejjeż varjabbli).

2. L-Isvizzera għandha tieħu l-passi biex iżżid il-kompetittività tat-trasport konġunt u tat-trasport tal-merkanzija bil-linji tal-ferroviji tul it-territorju tagħha.

3. Il-parametri wżati fil-valutazzjoni tal-kompetittività tat-trasport konġunt u tat-trasport tal-merkanzija bil-linji tal-ferroviji għandhom mill-anqas jinkludu li ġejjin:

   — il-punt sa fejn l-iskedi u l-veloċità jilqgħu l-ħtiġiet ta' l-utenti,

   — il-livell sa fejn dawk li jipprovdu s-servizz jiggarantixxu u jaċċettaw ir-responsabbiltà tal-kwalità tiegħu,

   — il-punt sa fejn l-operaturi Svizzeri jilqgħu l-impenni tagħhom tal-kwalità tas-servizz jew, jekk jonqsu li jagħmlu dan, il-punt sa fejn il-klijenti jkunu kkompensati,

   — kondizzjonijiet ta' riservi.

▼B

*ANNESS 10*

**REGOLI GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET TAL-PIŻIJIET IPROVDUTI FL-ARTIKOLU 40**

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 40(3.(b)) u (5), il-piżijiet ipprovduti fl-Artikolu 40 għandhom ikunu applikati kif ġej:

(a) kil-każ ta' l-operazzjonijiet tat-trasport fl-Isvizzera, il-piżijiet għandhom jogħlew jew jitnaqqsu fil-proporzjon sal-punt li d-distanza attwali li saret fl-Isvizzera hija ogħla jew anqas minn 300km;

(b) il-piżijiet għandhom ikunu fil-proporzjon tal-kategorija tat-toqol tal-vettura.

▼B

## ATT FINALI

Il-plenipotenzarji

tal-KOMUNITÀ EWROPEA

u

tal-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA,

li jiltaqgħu fil-wieħed u għoxrin jum ta' Ġunju fis-sena elf disa' mija u disa' u disgħin fil-Lussemburgu għall-firma tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-linji tal-ferroviji u bit-triq adottaw id-Dikjarazzjonijiet Konġunti msemmija hawn taħt u mehmuża ma' dan l-Att Finali:

— Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 38(6),

— Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar aktar negozjati.

Ħadu nota wkoll tad-Dikjarazzjonijiet li ġejjin, annessi ma' dan l-Att Finali:

— Id-Dikjarazzjoni dwar l-attendenza Svizzera fil-kumitati,

— Id-Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-użu tal-kwoti tat-tariffa (40 t),

— Id-Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea dwar l-użu tal-kwoti tat-tariffa (40 t),

— Id-Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-Artikolu 40(4),

— Id-Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tad-dwana (L-Artikolu 43(1)).

Hecho en Luxemburgo, el ventiuno de junio de mil novecientos noventa y nueve.

Udfærdiget i Luxembourg den enogtyvende juni nitten hundrede og nioghalvfems.

Geschehen zu Luxemburg am einundzwanzigsten Juni neunzehnhundertneunundneunzig.

Έγινε στο Λουξεμβούργο, στις είκοσι μία Ιουνίου χίλια εννιακόσια ενενήντα εννέα.

Done at Luxembourg on the twenty-first day of June in the year one thousand nine hundred and ninety-nine.

Fait à Luxembourg, le vingt-et-un juin mil neuf cent quatre-vingt dix-neuf.

Fatto a Lussemburgo, addì ventuno giugno millenovecentonovantanove.

Gedaan te Luxemburg, de eenentwintigste juni negentienhonderd negenennegentig.

Feito em Luxemburgo, em vinte e um de Junho de mil novecentos e noventa e nove.

Tehty Luxemburgissa kahdentenakymmenentenäensimmäisenä päivänä kesäkuuta vuonna tuhatyhdeksänsataayhdeksänkymmentäyhdeksän.

Som skedde i Luxemburg den tjugoförsta juni nittonhundranittionio.

Por la Comunidad Europea
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Voor de Europese Gemeenschap
Pela Comunidade Europeia
Euroopan yhteisön puolesta

▼B

På Europeiska gemenskapens vägnar





Por la Confederación Suiza
For Det Schweiziske Edsforbund
Für der Schweizerischen Eidgenossenschaft
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
For the Swiss Confederation
Pour la Confédération suisse
Per la Confederazione svizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
Pela Confederação Suíça
Sveitsin valaliiton puolesta
På Schweiziska Edsförbundets vägnar





▼B

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA**

**dwar l-Artikolu 38(6)**

Il-Partijiet Kontraenti jiddikjaraw li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 38(6) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni, taħt is-Sistema Federali Svizzera, ta' l-istrumenti li jaqgħu taħt is-sistema Federali ta' ekwilizzazzjoni finanzjarja.

▼B

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

### dwar aktar negozjati

Il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jidħlu f'negozjati biex jikkonkludu ftehim f'oqsma ta' interess komuni bħall-aġġornament tal-Protokoll 2 tal-Ftehim tal-Kummerċ Ħieles ta' l-1972 u l-parteċipazzjoni Svizzera f'ċerti programmi tal-Komunità ta' taħriġ, żgħażagħ, mezzi tax-xandir, statistikali, u ambjentali. Ix-xogħol preparatorju għal dawn in-negozjati għandu jimxi malajr hekk kif in-negozjati bilaterali kurrenti jkunu konklużi.

▼B

## DIKJARAZZJONI

### dwar l-attendenza Svizzera fil-kumitati

Il-Kunsill jaqbel li r-rappreżentanti ta' l-Isvizzera jistgħu, sa fejn jikkonċernawhom il-kwistjonijiet, jattendu l-laqgħat tal-kumitati u tal-gruppi tal-ħidma ta' esperti li ġejjin, bħala osservaturi:

— il-Kumitati tal-programmi tar-riċerka, inkluż il-Kumitat tar-Riċerka Xjentifika u Teknika (CREST),

— il-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Immigranti,

— il-Grupp ta' Kordinazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla,

— il-Kumitati ta' Konsulenza dwar ir-rotot ta' l-ajru u l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru.

Ir-rappreżentanti ta' l-Isvizzera ma jkunux preżenti meta dawn il-kumitati jivvotaw.

Fil-każ ta' kumitati oħra li jieħdu ħsieb l-oqsma koperti minn dawn il-ftehim li bihom l-Isvizzera adottat jew l-*acquis communautaire* jew miżuri ekwivalenti, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti Svizzeri bil-metodu speċifikat fl-Artikolu 100 tal-Ftehim ta' l-EEA.

▼B

**DIKJARAZZJONI MILL-ISVIZZERA**

**dwar l-użu tal-kwoti tat-tariffa (40 t)**

L-Isvizzera tiddikjara li mhux aktar minn 50 % tal-kwoti pprovduti fl-Artikolu 8 għall-Ftehim tal-vetturi Svizzeri li t-toqol totali attwali mgħobbija tagħhom ma jaqbiżx l-40 t se jintuża għat-trasport ta' l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-transitu.

▼B

**DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITÀ' EWROPEA**

**dwar l-użu tal-kwoti tat-tariffa (40 t)**

Il-Komunità tiddikjara li, skond l-estimi kurrenti tagħha, tistenna li madwar 50 % tal-kwoti tagħha taħt l-Artikolu 8 se jintużaw għall-operazzjonijiet bilaterali tat-trasport.

▼B

## DIKJARAZZJONI MILL-ISVIZZERA

### dwar l-Artikolu 40(4)

L-Isvizzera tiddikjara, dwar l-applikazzjoni tal-piżijiet riferuti fl-Artikolu 40(4) tal-Ftehim, li se tistabbilixxi l-piżijiet attwali applikabbli sal-ftuħ tal-mina ta' l-ewwel bażi, jew l-1 ta' Jannar 2008, liema jasal l-ewwel, fuq livell taħt l-ogħla ammont permess minn dik id-disposizzjoni. L-Isvizzera bi ħsiebha, fuq bażi ta' dan l-ippjanar kurrenti, li tistabbilixxi l-livell għall-2005, l-2006, u l-2007 bħala 292,50 CHF bħala medja u 350 CHF bħala massimu.

▼B

## DIKJARAZZJONI MILL-ISVIZZERA

### dwar l-iffaċilitar tal-proċeduri tad-dwana (L-Artikolu 43(1))

Sabiex tiffaċilita l-iżdoganar fil-qasmiet tat-triq tal-fruntieri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera, l-Isvizzera qablet mal-miżuri li ġejjin, li jkunu miftehma fuq bażi ta' prijorità, matul il-kors ta' l-1999, fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt il-Ftehim ta' l-1992:

— biex tiżgura, bil-koperazzjoni ta' l-uffiċċju doganali tal-ġirien tagħha, li l-ħinijiet ta' l-uffiċċju fil-qasmiet ewlenin tal-fruntiera huma twal biżżejjed sabiex jippermettu li l-HGVs jibdew il-vjaġġ tagħhom tul l-Isvizzera hekk kif tispiċċa l-projbizzjoni tal-ħin bil-lejl, jew biex ikomplu l-vjaġġ tagħhom sakemm tibda l-projbizzjoni. Jekk meħtieġa, miżata żejda li tirrifletti l-ispejjeż addizzjonali tista' tkun imposta għal dan l-skop. Din il-miżata, madankollu, m'għandhiex taqbeż it-8 CHF;

— li jinkiseb, sa l-1 ta' Jannar 2000, u biex jinżamm minn hemm 'il quddiem, bil-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiżi ġirien, ħin għall-iżdoganar għall-HGVs ta' 30 minuta għal kull qasma tal-fruntiera bejn l-Isvizzera u l-Unjoni Ewropea (li jitkejjel mid-dħul għall-ewwel uffiċċju doganali għall-iżdoganar sat-tieni).